# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 408 | MARZU 2021 | IL-41 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NEWSPAPER POST | ISSN 1811-5373



Maħfra, Mulej!

# WERREJ


3 **Maħfra, Mulej!**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

5 **Oliver Friggieri u l-Annimali (L-1 parti)**
ROBERT ALOISIO

8 **Tislima lill-Professur Oliver Friggieri**
PATRI REMIĠ GALEA OFMCAP

9 **Qed issibha diffiċli biex titlob? Join the club!**
NIKOL BALDACCHINO

12 **Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex (L-1 parti)**
JOSEPH C. CAMILLERI

15 **Għajnuna sopranaturali mibnija fuq il-Bibbja**
MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

18 **Il-ħajja sempliċi monotona?**
BR JETHRO BAJADA OFMCap

20 **Il-Komunità u l-Ewkaristija**
SR BRIĠIDA CARUANA SORU FRANĠISKANA TAL-QALB TA' ĠESÙ

22 **Alla jsejjaħ, Francesco jwieġeb (It-3 parti)**
FR JOE BUTTIGIEG OFMCAP

24 **Jiċċelebra 50 sena mill-Professjoni Perpetwa**
PATRI ANTON BRIFFA OFMCap

25 **Sahriet mal-Mulej**
FRANKIE AZZOPARDI

26 **Il-Franġiskani Kapuċċini f'Malta (1911-1920) (L-1 parti)**
MILL-KITBIET LI ĦALLIELNA WINSTON L. ZAMMIT

29 **Leġġendi minn Għawdex**
JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

31 **Sena oħra mal-Papa Franġisku**
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

34 **Froġa tat-tarja bla bajd**
FR PAUL BUGEJA OFMCap

35 **Kompetizzjoni**
FR WISTIN ATTARD OFMCap





## Ħsieb tal-faċċata

Il-Papa Franġisku fil-messaġġ tiegħu għal żmien ir-Randan Imqaddes jgħid huwa sejħa għall-konverżjoni. Huwa qed jistieden lilna lkoll sabiex "inġeddu L-FIDI tagħna li toħroġ mill-għejun tal-ilmijiet tat-TAMA u li tirċievi bi qlub miftuħa l-IMĦABBA TA' ALLA."


## Bord Editorjali

**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

**Telefown:** 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

**IISN 1811-5373**

**Disinn u Stampar:**
Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789



**© Dawl Franġiskan 2020**



**Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

**Ħlas tal-Abbonament:**
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

# Maħfra, Mulej!

Qegħdin fi żmien ir-Randan imqaddes. Żmien ta' grazzja. Żmien ta' konverżjoni. Żmien li l-Knisja tagħtihulna bħala tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir, jew aħjar tal-hekk imsejħa ġimgħa mqaddsa. Huwa żmien li fih niġu mistiedna nippreparaw lilna nfusna, speċjalment permezz tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla (għalhekk isiru l-eżerċizzi mqaddsa ta' żmien ir-Randan) – is-smigħ tal-Kelma ta' Alla wkoll permezz tal-liturġija tal-Kelma ta' Alla li tinqara kuljum f'dawn il-ġranet matul il-quddies ta' kuljum u ta' kull nhar ta' Ħadd. F'dan iż-żmien aħna wkoll mistiedna sabiex nitolbu aktar mis-soltu, u mhux inqas, aħna mħeġġin nagħmlu penitenzi bħal sawm u astinenza. Huwa żmien meta aħna msejħin sabiex nagħmlu wkoll opri ta' karità u naħsbu f'min hu ifqar minna.

## Konverżjoni

Dan kollu jeħtieġ li jwassalna għall-konverżjoni, bidla fil-ħajja tagħna. Bidla, jekk inhu meħtieġ, mill-ħażin għat-tajjeb, mid-dnub għall-grazzja u l-ħbiberija mġedda ma' Alla. Konverżjoni wkoll mit-tajjeb għall-aħjar. Jekk taħseb li inti miexi fit-triq it-tajba, rodd ħajr lil Alla imma ftakar li tajjeb kemm inti tajjeb dejjem hemm spazji fil-ħajja tiegħek fejn tista' tkun aħjar. Qatt m'għandna fil-ħajja tagħna nitilfu dik ix-xewqa qaddisa, dak l-għatx li aħna min aħna, wasalna fejn wasalna, irridu dejjem inkunu qaddisin.

Din il-konverżjoni ssib il-milja tagħha fil-mument ta' grazzja meta mmorru quddiem Alla u ngħidulu: "Aħfrilna, Mulej, għax dnibna kontra tiegħek." Talba li ssib it-tweġiba tagħha fil-mument li ninżlu għarkupptejna quddiem saċerdot u permezz taċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-qrar nirċievu mhux biss il-maħfra mingħand Alla imma wkoll il-grazzja, il-qawwa sabiex ma nidinbux aktar.

## Seba' dnubiet soċjali

Ta' xiex sejrin nitolbuh maħfra lil Alla Missier il-ħniena? Ser inpoġġi quddiem il-





Mulej seba' dnubiet soċjali li qed iseħħu mhux biss f'Malta imma anke u wisq iżjed f'pajjiżi barranin, li jsejħu lilhom infushom 'progressivi'. Ser insemmi seba' dnubiet soċjali li ma jfissirx li kulħadd qed jagħmilhom, anzi nemmen li hemm ħafna minn fostna li ma jriduhomx u qed jiġġieldu kontrihom. Uħud minnhom qegħdin hemm, oħrajn hawn min hu favur tagħhom u qed jipprova jdaħħalhom.

## Aħfrilna, Mulej, talli qlibna l-valuri ta' taħt fuq

Missierna li inti fis-smewwiet, ġejna quddiemek biex nitolbuk maħfra u nfittxu mingħandek kelma li tiggwidana u tmexxina. Aħna nafu Inti x'għedtilna: "Ħażin għal dawk li l-ħażin isejħulu tajjeb." U fil-fatt dak li għamilna aħna, kemm bħala individwi kif ukoll bħala soċjetà. Aħna tlifna l-bilanċ spiritwali; qlibna l-valuri ta' taħt fuq. Dak li hu moralment u etikament ħażin qed ngħidu li hu tajjeb u nillegalizzawh. U dak li hu ta' valur u tajjeb fih innifsu qed ngħidu li m'għadx baqa' żmienu, huwa antikwat, u għalhekk ma jgħoddx għalina llum.

1. Aħna waqqajna għaċ-ċajt il-verità assoluta tal-Kelma tiegħek, Mulej, u dan sejjaħnielu 'pluraliżmu'.

2. Aħna adurajna 'allat' oħra, u dan sejjaħnielu 'multikulturaliżmu' (bl-iskuża li llum hawn ħafna kulturi).

3. Aħna appoġġjajna dak li hu pervers u kontra n-natura, u dan sejjaħnielu 'alternative lifestyle' (bl-iskuża li kulħadd għandu 'dritt' li jgħix stil ta' ħajja kif ifettillu).

4. Aħna qtilna u rridu noqtlu (bl-abort) it-trabi tagħna qabel jitwieldu, u dan sejjaħnielu 'choice' (bl-iskuża li kulħadd għandu dritt jagħżel hu).

5. Aħna ttraskurajna u ma żammejniex dixxiplina fuq uliedna, u dan sejjaħnielu 'building self-esteem'.

6. Aħna niġġisna u pprofanajna l-imħuħ u l-qlub tagħna bil-pornografija, u dan sejjaħnielu 'libertà tal-espressjoni'.

7. Aħna rredikolajna l-valuri eterni ta' missirijietna, valuri li jgħoddu għal kull żmien, u dan sejjaħnielu 'enlightenment'.

Mulej, ifli, u għarbel sew lil qlubna llum. Naddafna u ċħlisna minn kull dnub. Dan nitolbuh f'isem Ibnek Ġesù Kristu, il-Feddej ħaj tagħna. Ammen.

Nawguralkom Randan tassew qaddis.

Il-Mulej jagħtikom is-sliem!



ROBERT ALOISIO

# Oliver Friggieri u l-Annimali

(L-1 parti)

"Il-papà ħalliena ħabta u sabta dalgħodu, ftit xhur biss wara li tilef il-kelb, li tant u tant kien iħobb u li tant u tant kien jinkwieta dwaru kull darba li kien ikollu jidħol l-isptar. Il-papà kien jemmen bis-sħiħ li l-annimali għandhom post il-ġenna, u l-aħħar artiklu li kien ilu jaħdem fuqu kien proprju dwar is-sinifikat tat-tbatija tal-annimali."

"Artiklu li ġimgħa wara ġimgħa kien jitlobni biex inżommlu kopja riveduta tiegħu għandi, biex ikollu moħħu mistrieħ li għandu kopja tiegħu. Artiklu li dalgħodu kien mixħut fuq l-iskrivanija tiegħu fuq il-karti l-oħra kollha flimkien mal-aħħar versi li kiteb: 'L-aħħar versi, forsi'. U hekk kienu..."



Dan kien il-kliem li kitbet fuq il-media soċjali Sara Brincat Friggieri, ftit sigħat biss wara l-mewt għal għarrieda ta' missierha, il-Professur Oliver Friggieri, nhar is-Sibt 21 ta' Novembru li għadda. Jiena kelli x-xorti u l-grazzja li nkun student ta' dan il-Professur maħbub bejn l-1993 u l-1996 meta kont qed nistudja għall-Baċellerat tal-Arti fl-Università ta' Malta.

Imma f'dan l-artiklu m'iniex se nikteb dwar l-esperjenzi personali tiegħi ta' dan il-bniedem bravu u umli, Jekk mhux f'relazzjoni mas-suġġett tal-annimali. 'Il quddiem, jekk Alla jrid, nikteb dwar aspetti oħra ta' dan il-bniedem kbir, għalkemm jiena ċert li dan se jagħmluh nies kwalifikati iżjed minni u li kienu jafuh iżjed minni.

## Sparky

F'dawn l-aħħar snin il-Professur Friggieri kellu kelb żgħir li semmieh Sparky, li ma kienx xi kelb li jgħaġġbek bi sbuħitu – "kelb komuni, issib bħalu kemm trid" (*Sold għall-Ħamiem, Sinjur!*) – imma li hu kien iħobbu ħafna. L-istudenta Amy Camilleri qaltli li "meta morna nintervistawh kien għamel iktar minn nofs l-intervista bil-kelb f'idejh. Il-kelb, għall-bidu, kien eċitat peress li ma kienx jafna, u ma riedx jieqaf jinbaħ, imma mbagħad kien qagħad kwiet f'ħoġru."

Amy kompliet tgħidli: "Jien dak iż-żmien kont għadni kif ġibt il-kelba u xħin semmejthielu mill-ewwel ħa interess u beda jsaqsini fuqha, kemm għandha żmien u x'jisimha. Niftakar ukoll li anke xħin fetħilna l-bieb ta' barra, kien bil-kelb f'idejh – xena ħelwa ħafna li ngħidlek is-sew ma kontx qed nistenna, għax ma kontx naf li kellu kelb."

Fil-ġabra ta' ħajku *Il-Kliem li Tgħidlek Qalbek* (2001) Friggieri jgħid kif

Bi ftit imħabba
il-kelb jintrabat miegħek
b'kuntratt għal dejjem. (27)

u żgur hekk kien fil-każ tiegħu. Dan fakkarni mill-ewwel f'waħda min-novelli ħelwin u ta' qsim il-qalb fi *Stejjer għal Qabel Jidlam* (1979) li qrajt tant drabi lill-ewwel studenti tiegħi: *Sold għall-Ħamiem, Sinjur!*

"Ir-raġel ma kellu 'l ħadd fid-dinja ħlief lil Fefu, kelb komuni, issib bħalu kemm trid, li kien trabba miegħu minn twelidu. Kulħadd kien jafhom bi ħbieb mill-akbar, dejjem flimkien, u jekk Fefu kien jaħsel jitbiegħed xi ftit passi minn sidu, Vestru kien jaf sewwa li mal-ewwel għajta sieħbu kellu jasal jiġri ħdejh. 'Int ħabib kbir tiegħi, Fef, u l-ħajja tagħna ngħixuha flimkien. Jekk int ferħan, jien ferħan. Jekk jien imnikket, int bħali.'"




Photo - DOI - Reuben Piscopo

## Friggieri li niftakar jien

Għaddew 25 sena imma għadni niftakru qisu lbieraħ lil Friggieri jisbel u jirrabja bl-ikraħ waqt lecture fl-Università għall-fatt li l-Arċisqof ta' dak iż-żmien kien bierek xi għasafar fil-gaġeġ. "Tbierek għasfur f'gaġġa?!" niftakru jitbaqbaq. Xi ħadd minna l-istudenti kien ittanta jidħak, speċjalment meta lill-Arċisqof tah titlu ftit li xejn arċiveskovili – għax hu normalment kien idaħħakna ħafna – u kif rah jidħak iktar infiska!

Ħawn irrid nirrimarka (għal min ma kienx jafu) li Friggieri kien Kattoliku konvint u kellu rispett lejn il-kleru, anki lejn il-ġerarkija tal-Knisja, għalkemm ma kienx joqgħod lura milli jikkritikaha, xi drabi bl-aħrax, kif għamel l-iktar f'*Fil-Gżira Taparsi Jikbru l-Fjuri* (1991). Naħseb dak kien perjodu li fih kien kritiku kbir tal-ġerarkija ekkleżjastika, kif joħroġ ċar minn numru mhux żgħir ta' stejjer f'dik il-ġabra.

Darb'oħra niftakru waqt lecture ieħor iqum minn postu jkeċċi qattus li kien tiela' ma' siġra biex jaħtaf għasfur. Xi ħadd minna kien qallu, "Imma dik in-natura, hux, li annimal jiekol annimali oħra!" u hu kien weġibna xi ħaġa fis-sens li n-natura mhijiex perfetta. Ġlell qbadnleha wkoll fuq il-veġitarjaniżmu u niftakarni nistaqsih jekk aħniex se naslu f'estremità li lanqas nieklu pjanti jekk insibu li dawn iħossu wkoll, li għandhom feelings huma wkoll. Niftakru jgħidli li s'issa li nafu biċ-ċert hu li l-annimali jweġġgħu żgur.

## Friggieri, il-fidi Nisranija u l-annimali

Oliver kellu diversi suġġetti għal qalbu imma l-ambjent u l-annimali kien jitkellem fuqhom b'passjoni u bi mħabba tal-għaġeb. Kellu mħabba kbira lejn San Franġisk, l-ewwel poeta Taljan, u kellu l-istess sensittività tal-Fqajjar ta' Assisi, li kien isejjaħ 'ħutu' l-annimali u l-ħlejjaq kollha ħajjin. Kien jemmen li:

Ma ssibx lil Alla
fil-katidral jekk tonqos
li ssibu f'dudu. (118)

Ma tista' qatt tifhem lil Friggieri mingħajr il-fidi Nisranija tiegħu, l-istess kliem li kien jgħid hu nnifsu fuq Malta. L-imħabba li huwa kellu lejn l-annimali kienet ġejja wkoll mill-konvinzjonijiet reliġjużi tiegħu. L-annimali kienu ħutu għax huma wkoll ulied Alla:

Noè fuq l-Arka
ried jogħġob 'l Alla u daħħal
'l uliedu kollha. (28)

## Annimali fil-knisja

Fl-istess żmien, fid-disgħinijiet, niftakar saċerdot Malti li kien jipprietka l-istess ħaġa u kien irid li l-Knisja tiftaħ il-bibien tagħha għall-annimali domestiċi, tant li hu stess kien għamel funeral lill-kelb tiegħu. Dan is-saċerdot kontroversjali, iktar tard, ma kienx tħalla iktar jamministra s-sagramenti. Episodju li fakkarni fil-kappillan twajjeb tar-raħal, Dun Benjamin, u l-kelb Ċerbru fir-rumanz ċelebri ta' Friggieri *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* (1986):

"L-ewwel darba li Karlu Manju daħal fil-knisja bil-kelb miegħu qajjem skandlu mar-raħal kollu... Laħqu ġew reporters minn kull naħa u l-fotografi ġibdu ritratt wara l-ieħor ta' Ċerbru għarkupptejh bil-qima kollha. Ġie malajr il-Prepostu u l-kleru... u lkoll indiehxu quddiem dehra bħal din. Karlu Manju kellu jċedi u l-biċċa spiċċat hemm.

"Ma kellux għażla ħlief li jfittex knisja oħra, daqsxejn ta' kappella fqira u qadima... Il-kappillan kien raġel twajjeb li kien jifhem li ladarba fuq il-mejda tal-Mulej setgħu jitqiegħdu fjuri u l-ħxejjex l-oħra, u setgħu jidħlu l-midinbin, mela setgħu jidħlu wkoll l-annimali kollha. Il-baqra u l-ħmara ta' Betlem u l-ħmara ta' Ġerusalemm: ma' dawn l-ipprivileġġjati tal-Imgħallem li ħolqu preċedent serju, il-kappillan kien iħossu f'tiegħu għall-aħħar, u l-ftit skola li kellu ma kinitx timbarazzah...

"Fil-knisja wkoll kien hemm għadd ta' annimali li mhux biss setgħu jidħlu iżda kienu importanti għax kellhom posthom ħdejn il-qaddisin, impittrin fil-kwadri u minquxin fl-istatwi. Kien hemm kwadru ta' Ġużeppi u Marija bit-tarbija rekbin fuq il-ħmara huma u sejrin lejn l-Eġittu. Luqa, Benedittu, Anton, Franġisku, Rokku u oħrajn kellhom xi annimal ħdejhom. Ċerbru ħares kull fejn qallu sieħbu u lemaħ lil ħutu u lill-kuġini tiegħu mpinġijin u mnaqqxin u feraħ u beda jħoss ruħu importanti bħalhom." (Kapitlu 5)

*(jissokta)*



PATRI REMIĠ GALEA OFMCap

# Tislima lill-Professur Oliver Friggieri



## Għodwa ta' sebħ u dawl ta' artna għalina Oliver Friggieri

Ir-raġġi sbieħ li jsebbħu s-sema tagħna,
tax-xemx ħanina ddawwal dan wiċċ artna,
bil-kelma safja, għanja kif libbistha,
fil-lehma ħelwa, b'isem ħlejju ħtartna.

Nagħtuk kull ħajr, għax ismek u ħlewwitek,
kif dan l-ilsien ħeġġiġtu f'melodija,
il-ħlewwa ta' żgħoritek fih tistagħna,
lil hinn minn dan l-iskoll tal-art Maltija.

Dan int fawwartu, minn nixxiegħa safja,
ħdimt, int, qatigħ, biex trodd kull dawl u sliem;
minn kmieni tħeġġet qalbek bħal ħuġġieġa;
għajnuna tagħna lkoll, nimxu 'l quddiem.

Int tibqa' magħna għax il-kelma tiegħek
tlaħħmet ma' qalbna, frott ta' hena u ġid.
Ħabbejtna lkoll fl-ispirtu ta' kitbietek;
minn paġna għal oħra aħwa lkoll int trid.

Int tibqa' kewkba fost il-kwiekeb kollha,
turina t-triq fejn twassal il-qlubija.
Ma nitnikkrux, nittieħdu mid-dehen tiegħek,
sakemm din l-art għażiża tkun mifdija.

Safi l-ħsieb tiegħek f'xefaq kollu dija,
imrieżaq ħelwa, jarmu d-dawl u s-sliem;
ruħek stagħniet b'kull ħajja li trodd lilna,
laqqamtna lkoll bin-nifs sabiħ bla tmiem.

Dan li xtaqt int fin-nisġa ta' kitbietek,
hawn tħeġġet qalbek, xegħlet b'kull mogħdrija
li tara dan il-ġens li tgħallem minnek
ikun ta' ġieħ u risq għall-art Maltija.

20 ta' Jannar 2021



NIKOL BALDACCHINO

# Qed issibha diffiċli biex titlob? Join the club!

Jien insibha diffiċli ħafna biex nitlob! Insibha ħafna iebsa għalija li nammettiha. Ili aktar minn 42 sena mmexxi gruppi ta' talb. Ma nafx kemm-il taħdita tajt dwar it-talb. Ma nafx kemm inkoraġġejt nies biex ma jaqtgħux qalbhom u jkunu nies ta' talb. Madankollu l-verità hi li jien, iva, insibha diffiċli biex nitlob.

## Nitlob kuljum u f'kull ħin

Issa ħa niċċara punt. Kuljum, kull filgħodu, inħalli ħin għat-talb. Barra minn hekk, il-quddiesa ta' kuljum hija parti regolari mill-menù ta' ħajti; it-talba tar-rużarju ta' kuljum ma' marti ma tonqosx, bħalma ma jonqosx it-talb ta' qabel l-ikel; ir-radd tas-salib jien u ħiereġ mid-dar u xi żjara 'l hemm u 'l hawn lil Ġesù Sagramentat f'xi kappella tal-adorazzjoni. Matul il-ġurnata nipprova wkoll nitlob hekk kif ħsibijiet u xogħol li rrid nagħmel ifiġġu quddiemi. Meta nkun niġri jew bir-rota nipprova nitlob għal dawk li jgħaddu minn ħdejja, u jekk niftakar f'xi ħadd jew f'xi sitwazzjoni diffiċli li għandha bżonn it-talb, jien nitlob.

Jien naf kif nitlob. Qrajt għexieren ta' kotba dwar it-talb; smajt mijiet ta' konferenzi fuq l-istess suġġett. Iva, nitlob, u xorta waħda nsibha diffiċli biex nitlob.

U aktar minn hekk, xi affarijiet li nitlob għalihom donnhom qatt ma jseħħu. Nitlob għal nies biex ifiqu, u jibqgħu morda; nitlob għal sitwazzjonijiet iebsa u kkumplikati, u jibqgħu l-istess; nitlob biex nagħraf xi jrid Alla minni f'ċirkustanzi partikolari, u xorta waħda nibqa' mingħajr tweġiba.

## Nemmen fil-qawwa tat-talb

Madankollu jien xorta waħda nibqa' nemmen fil-qawwa tat-talb, u li permezz tiegħu kapaċi l-ħajja ta' dawk li nitlob għalihom tinbidel, u li ħajti kienet tkun differenti ħafna li kieku ma nitlobx. U allaħares ma jkunx it-talb għalija. Imma xorta waħda nsibha diffiċli biex nitlob.



## Qed issibha diffiċli biex titlob? Join the club!



Insibha diffiċli biex inwieġeb il-mistoqsijiet li jsiruli dwar it-talb. Mhux l-ewwel darba li staqsewni: "Għaliex Alla ma jridx jisma' t-talba tiegħi?" jew "Għal xiex se naqbad nitlob f'din is-sitwazzjoni?"; "Kemm se ndum nistenna?"; "Imma Alla tassew jisma' t-talb tagħna?"; "Kif jista' jkun infaħħar lil Alla meta għaddej minn daqstant tbatija?"; "Impossibbli li sinċerament nitlob 'Aħfrilna dnubietna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina'? Għax ma nistax naħfer!"

Ipprova weġibhom dawn il-mistoqsijiet b'tali mod li tissodisfa lil min qed jagħmilhomlok imma fl-istess ħin ukoll tibqa' fidil għall-fidi tiegħek fit-talb, fil-Kelma ta' Alla, fit-tagħlim tal-Knisja! Mhux faċli, hux?!

U xi ħaġa tgħidli li mhux jien biss insibha diffiċli biex nitlob. Nimmaġina li int ukoll xi kultant issaqsi mistoqsijiet bħal dawn t'hawn fuq. Ukoll trid tissara miegħek innifsek biex issib ħin, biex tinġabar, biex titlob. U int ukoll tmur tinġabar biex titlob u moħħok imur fuq elf ħaġ'oħra ħlief fuq it-talb!

### Inti wkoll issibha diffiċli?

Li nista' ngħid hu, u nimmaġina li int tagħmel l-istess, li għalkemm mhux dejjem nirbaħha l-ġlieda biex nitlob, u li m'għandix it-tweġibiet kollha dwar id-diffikultajiet tat-talb, imma xorta waħda nitlob.

Jien nitlob xorta waħda għax Alla jaf li jien inbati biex nitlob. Jaf li almenu hemm xewqa fija li nkun bniedem li jitlob. Jaf li ruħi, minkejja kollox, imxennqa għalih. Nitlob għax naf lil min qed nitlob. Iltqajt miegħu! U mhux l-ewwel darba li smajtu jkellimni, jagħmilli kuraġġ, iwissini, iċanfarni, jistedinni. U dan Alla issa mhux se jiddiżappuntani. Hu jwiegħed li jisma' t-talb tiegħi.

Nitlob u nibqa' nitlob, għax ħafna drabi tlabt waqt ċirkustanzi iebsa u dawn baqgħu ma nbidlux. Imma nbdilt jien; inbdilt fil-mod kif inħares lejhom, inbdilt għax aċċettajthom bħala parti minn ħajti.

Jekk qed issibha diffiċli biex titlob, m'intix waħdek. U jekk tħares ftit lejn il-Bibbja tara kemm hemm karattri li sabuha diffiċli biex jitolbu.

Is-Sultan David fis-salmi jistqarru dan. "Kemm se ddum taħbi wiċċek minni?" (Salm 13:1). "Ruħi mħawda għall-aħħar, Mulej; int kemm se ddum ma tismagħni?" (Salm 6:4).

U l-Profeta Ġeremija mhux ukoll? "Għaliex se tinsiena għal dejjem, tabbandunana għal dan it-tul ta' żmien?" (Lam. 5:20)

U xi ngħidu għall-Profeta Isaija, li mar qal lill-Mulej, "Tassew, int Alla moħbi!" (45:15)

Dak li jogħġobni fil Bibbja, speċjalment f'David! Dan hu bniedem li ħafna drabi kellu jissara fejn jidħol it-talb – u fis-salmi jesprimi l-biżgħat, id-dubji u xi kultant ir-rabja tiegħu ma' Alla l-imbierek. David u tant oħrajn fil-Bibbja huma bħalna: kienu jsibuha diffiċli biex jitolbu.

# Qed issibha diffiċli biex titlob? Join the club!



Grupp ta' nies li sabuha diffiċli biex jitolbu kienu l-appostli, tant li marru fuq Ġesù u talbuh jgħallimhom jitolbu (Luqa 11:1). Bħal donnu qatt ma kienu talbu qabel! U Ġesù dam tliet snin jgħallimhom, bil-kliem u fuq kollox bl-eżempju tiegħu. U meta waslu fl-aħħar tista' tgħid m'għaddewx mill-eżami. Fl-Ort tal-Ġetsemani Ġesù stedinhom biex jitolbu (Mattew 26:36-45) u ġralhom bħalma jiġri ħafna drabi lili – fallew għax raqdu!

## X'ġara nhar Pentekoste?

Imma biex inkunu għedna kollox, wara l-qawmien ta' Ġesù u wara l-miġja tal-Ispirtu nhar Pentekoste ġrat xi ħaġa fil-ħajja tat-talb tagħhom li tista' ssejħilha mirakoluża. F'daqqa waħda ħajjithom imtliet bil-passjoni u b'qawwa liema bħalha li rnexxielhom iriegħdu d-dinja!

Jaqblilna għalhekk li qatt u qatt ma naqtgħu qalbna fejn jidħol it-talb. Darba wieħed qalli: "Pray hardest when it's hardest to pray." F'kelma oħra: persistenza. Dak hu s-sigriet tat-talb. Li nibqgħu hemm! Li nemmnu li Alla jismagħna u qatt ma jwarrab l-iċken talba fjakka tagħna. Iva, anki meta ma naraw l-ebda bidla, Alla qiegħed hemm jismagħna, jagħti kas tagħna.

Forsi l-aktar mistoqsija iebsa hija "Għalfejn għandi nitlob? Jekk it-talb huwa daqshekk diffiċli u ħafna drabi jħallina b'aktar mistoqsijiet milli tweġibiet, għalfejn għandi biss nipprova nitlob?"

Stenna ftit! It-talb wara kollox x'inhu? Mhux laqgħa intima ma' dak li qed jistiednek biex tħallih iħobbok? Biex inti tagħrfu u Hu jagħraf lilek? Biex Alla jaqdik u jservik u jaħsillek riġlejk, biex inti tkun tista' taqdi, isservi u taħsel riġlejn ħaddieħor?

Għalhekk worth it li tiġġieled it-taqbida għat-talb, worth it li tagħraf tistennieh, worth it li titlob ALAT – As Long As it Takes!

Xi qaddis, ma niftakarx min kien, qal li "rari tagħmel tajjeb dak li rari tagħmel". Rari titlob "tajjeb" jekk rari titlob. U bil-maqlub jgħodd ukoll: issir titlob "tajjeb" meta titlob ta' spiss!



KITBA TA' JOSEPH C. CAMILLERI
RITRATTI TA' PIERRE EUGENE BUTTIGIEG

# Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex (L-1 Parti)

Artikolista anonimu[1] jikkummenta hekk fuq l-oriġini tal-purċissjonijiet tal-passjoni fil-gżejjer Maltin: "Xi ħaġa diffiċli, jekk mhux impossibbli, li wieħed jistabbilixxi d-data eżatta tal-oriġini tal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta."[2] Minkejja dan, ħafna artikolisti Maltin jaqblu li l-eqdem minn fost dawn ir-rappreżentanti kienu Spanja u raw il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, impressjonaw ruħhom u ddeċidew li jorganizzaw purċissjoni simili f'Malta.[3] Min-naħa l-oħra, Ħal Qormi wkoll għandu leġġenda dwar l-oriġini ta' din il-purċissjoni. Din il-leġġenda hija kważi varjant tal-leġġenda Rabtija. Din il-leġġenda tgħid li xi Qriema kienu jaħdmu fuq ix-xwieni ta' Nava, familja Sqallija li kienet tmexxi lil Malta fiż-Żminijiet tan-Nofs, u wara fuq dawk tal-Kavallieri. Matul żmien l-Għid dawn ix-xwieni kienu jbaħħru lejn xi port Spanjol. Waqt li kienu fi Spanja dawn il-baħrin raw il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Impressjonaw ruħhom u meta ġew lura Malta bdew jaħdmu biex jibdew waħda simili f'Ħal Qormi.[4]

Iż-żewġ leġġendi jorbtu l-oriġini tal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira ma' Spanja. Skont l-istudjuż tal-folklor Malti Ġużè Cassar Pullicino l-ewwel purċissjonijiet f'waħda mill-aqwa bliet Spanjoli, Sivilja, bdew fis-seklu 16 mill-fratellanzi. Dawn bdew mingħajr il-ġarr tal-vari. Minkejja dan, wieħed ma jistax iħalli barra l-fatt li Malta kienet tiddependi mis-Sede Metropolita ta' Palermo. Din id-dipendenza baqgħet sas-sena 1828. Għalhekk, billi Spanja kienet taħkem lil Sqallija, minbarra Malta, l-influwenza ta' din id-drawwa aktarx l-ewwel ħakmet lil Sqallija u wara lil Malta.[5]

---

1. Anonimu (aktarx Dr Joseph F. Grima). "Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira", *Ġens Speċjali*. 23-iii-1989: 15.
2. Anonimu. "Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira..." op. cit.: 15.
3. Bezzina, J. "Good Friday Processions: Rabat's pageant is the oldest", *Sunday Times of Malta*. 4-iv-1971. Ara wkoll: Anonimu. "Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira..." op. cit.: 15.
4. Bezzina, J. *Good Friday Procession at Qormi*. Ktejjeb bla data. Ara wkoll: Anonimu. "Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira..." op. cit.: 15.
5. Cassar Pullicino, Ġ. *Studies in Maltese Folklore*. Malta, 1976: 30.

## Forzi li welldu dawn il-manifestazzjonijiet

Id-devozzjoni lejn il-passjoni aktarx bdiet tinħass mal-wasla tal-patrijiet Biżantini f'Malta. Dawn bnew il-monasteru tagħhom – l-Abbazija tad-Dejr fiz-zona ta' Bir Riebu, ir-Rabat (Malta) u aktarx fiz-zona Tal-Virtù, fir-Rabat ukoll. L-eqdem xhieda tad-devozzjoni tal-poplu Malti lejn il-passjoni hi affresk ta' kurċifiss stil Gotiku li nsibu f'arzella fil-knisja tal-Abbazija, magħquda mal-katakombi tad-Dejr.[6] Id-devozzjoni kompliet, fost il-poplu Malti, fiż-Żmien tan-Nofs. Xhieda ta' din id-devozzjoni hija lapidi votivi, li fuq ħafna minnhom hemm minquxa x-xbieha tal-kurċifiss. Dawn instabu meta twaqqgħet il-knisja ta' Sant'Agata fir-Rabat fil-bidu tas-seklu 16.




Id-devozzjoni lejn il-passjoni żdiedet mal-wasla tal-ordnijiet reliġjużi fis-seklu 14. Dawn l-ordnijiet bnew il-kunvent u l-knejjes tagħhom fir-Rabat. L-aktar ordni li ħadem biex tinxtered id-devozzjoni lejn il-passjoni kien tal-patrijiet Franġiskani Minuri.[7] Dawn il-patrijiet waslu fl-1494 u ftit wara bnew kunvent u knisja magħrufa bħala Santa Marija ta' Ġesù. Hawn insibu l-eqdem xbieha tad-Duluri f'Malta. It-titular il-qadim kien trittiku u waħda mix-xeni li kellu kienet turi d-depożizzjoni ta' Kristu minn fuq is-salib.[8] Billi f'din il-knisja twaqqfet il-konfraternità ta' San Ġużepp, waħda mill-attivitajiet ewlenin ta' din il-fratellanza saret id-devozzjoni lejn il-passjoni, tant li fl-1668 il-fratellanza kienet diġà bdiet il-purċissjoni ta' nhar ta' Ġimgħa ta' matul ir-Randan.[9] Duminku Micallef jgħidilna li nstab dokument, li jġib id-data tal-1591, li minnu sirna nafu li f'din is-sena l-purċissjoni tal-passjoni kienet diġà ilha tiġi organizzata għal numru ta' snin.[10]

Wara r-Rabat il-purċissjoni tal-passjoni bdiet issir fil-Belt Valletta. Hawn rajna li kien hemm żewġ purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira.[11] Waħda kienet toħroġ mill-knisja tal-patrijiet Agostinjani u l-oħra mill-knisja tal-patrijiet Franġiskani Minuri. Dwar l-aħħar purċissjoni, minn dokument li jġib id-data tal-1673 sirna nafu li fl-1647 saru sew il-purċissjonijiet tal-ġimgħat tar-Randan kif ukoll dik tal-Ġimgħa l-Kbira.[11] Meta l-purċissjoni tal-passjoni qabdet fl-aqwa żewġ ċentri urbani ta' Malta, il-purċissjoni bdiet issir fil-bliet tal-Kottonera, l-ewwel f'Bormla, imbagħad il-Birgu u fl-aħħar

6. Casha, A. Fir Rabat - *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*. Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Stamperija Indipendenza: Tal-Pietà, Malta, 1992: 13-14.
7. Dawn il-patrijiet Franġiskani kellhom u għad għandhom x'jaqsmu mal-postijiet sagri fil-Palestina.
8. Casha, A. *Fir-Rabat...* op. cit.: 14. It-titular hu xogħol Antonello de Messina.
9. Casha, A. *Fir-Rabat...* op. cit.: 14-15.
10. Micallef, D. *Il-Purċissjoni tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu fir-Rabat*. Malta, 1980: 5.
11. Aquilina, Ġ. *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt*. Malta, 1986: 31.




nett l-Isla. Wara l-Kottonera, id-drawwa tal-purċissjoni tal-passjoni daħlet f'xi rħula kbar. Dawn bdew jordnaw xi vari tal-passjoni – iż-Żejtun, Ħal Luqa u Ħaż-Żebbuġ. F'Ħal Qormi, wieħed mill-irħula kbar ukoll ta' Malta, Ignazio Saverio Mifsud, djarista, niżżel li fl-1764 u fl-1765 saret il-purċissjoni tal-passjoni, li kienet tinkludi vari kbar u żgħar. Dan ifisser li din il-purċissjoni kienet ilha li ġiet stabbilita.[12]

Il-purċissjoni nxterdet f'Ħal Għaxaq, il-Mosta u Ħal Għargħur. Fis-seklu 19 il-Gżira tat-Tliet Għoljiet rat il-purċissjonijiet tal-passjoni. Hawn insibu l-Belt Victoria (il-knisja ta' San Ġorġ), in-Nadur, ix-Xagħra u ż-Żebbuġ. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija bdew il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Raħal Ġdid, il-Katidral t'Għawdex u l-Għasri. Din tal-aħħar ma baqgħetx issir wara l-2003.

| **LOKALITÀ TAL-PURĊISSJONI** | **DATA** |
|---|---|
| Ir-Rabat (Malta) | Qabel l-1591 |
| Il-Belt Valletta *(il-knisja ta' Santu Wistin)* | Qabel l-1637 |
| Il-Belt Valletta *(il-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù)* | 1647 |
| Bormla | Bejn l-1699 u l-1702 |
| Il-Birgu | 1700 |
| L-Isla | 1714 |
| In-Naxxar | 1750 |
| Ħal Qormi | 1765 |
| Ħal Għaxaq | 1821 |
| Ħaż-Żebbuġ | 1742 jew 1826 |
| Ħal Luqa | 1830 |
| Il-Belt Victoria (San Ġorġ) | 1830 |
| Iż-Żejtun | 1839 |
| Il-Mosta | 1866 |
| Ħal Għargħur | 1866 |
| In-Nadur | 1913 |
| Ix-Xagħra | 1914 |
| Iż-Żebbuġ | 1918 |
| Il-Katidral t'Għawdex | 1968 |
| Raħal Ġdid | 1971/73 |
| L-Għasri | 1999 |

Fix-Xewkija u fil-Qala hemm sett vari tal-passjoni, iżda l-purċissjoni li ssir fix-Xewkija ssir f'jum id-Duluri waqt li dik tal-Qala ssir nhar it-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa, purċissjoni magħrufa bħala "Via Sagra".

12. Anonimu. *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira...* op. cit.



MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

# Għajnuna sopranaturali mibnija fuq il-Bibbja

Wieħed huwa marbut ħafna mal-ħajja, mal-ġid, minkejja li jkun mhedded minn ħafna inċertezzi, mard, vjolenza, telf ta' libertà, dwejjaq u fl-aħħar il-mewt. Dan huwa fatt. Ukoll f'dawk il-waqtiet l-aktar ta' ferħ, dawn jiġu mċajprin minn ċerta ansjetà (diqa tal-qalb) li tibqa' tippersisti. Din hi s-sitwazzjoni eżistenzjali ta' kull maħluq u li ħadd ma jista' jiċħadha.

Kull tweġiba li tista' tingħata tippresupponi n-natura umana li fiha qegħdin ngħixu. Huwa veru li dan mhux l-aħjar mod li tgħix l-umanità. Iżda għaliex dawn jiġru? U x'jista' wieħed jagħmel biex iwassal il-ħajja li aktar togħġob tassew?

Quddiem tant mistoqsijiet liema hija t-tweġiba tal-Bibbja quddiem din il-problema, eżempju t-tjubija tad-dinja, ir-raġuni quddiem tant tbatija kif ukoll it-triq tas-salvazzjoni?

## Xebh ma' Alla

L-Iskrittura tagħti definizzjoni tal-bniedem f'relazzjoni ma' Alla. Naqraw li kull bniedem huwa ħlejqa ta' Alla: "U Alla qal: 'Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha

*The Creation of Adam hija affresk tal-artist Taljan Michelangelo*



tagħna, u jaħkmu fuq il-ħut tal-baħar, u fuq it-tajr tal-ajru, fuq il-bhejjem tad-dar u fuq il-bhejjem selvaġġi, u fuq il-ħlejjaq li jitkaxkru fuq l-art.' U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu; fuq xbihet Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom. U berikhom Alla u qalilhom: 'Nisslu u oktru u imlew l art u aħkmuha.'" (Ġen. 1, 26-28a)

Is-setgħa ta' Adam fuq l-art u fuq il-kreaturi l-oħra tagħmlu ħlejqa li tixbah lil Alla stess. Huwa jista' jkun sid tal-art biss kemm-il darba jieħu sehem mill-għerf ta' Alla. Il-bniedem mhux mifrud mill-bniedem, u lanqas ma hu indipendenti minnu. Flimkien mal-kreaturi l-oħra kollha huwa ġie fl-eżistenza mix-xejn. Dan ma jfissirx li jnaqqas id-dinjità tiegħu: is-salmista tant niżel fil-fond ta' din ir-realtà li jistagħġeb u jgħid, "Inħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk, il-qamar u l-kwiekeb li int qegħedt fihom! X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih, bin il-bniedem biex taħseb fih? Ftit inqas mill-allat għamiltu, bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu." (S. 8, 406)

Dan ir-raġunar huwa kollu mibni fuq il-fidi f'Alla wieħed, il-ħallieq, li sawwarna fuq xbieha u xebh tiegħu biex hekk Alla jkun jista' jiddjaloga magħna. Dan ir-raġunar tal-bniedem mhux, le, frott ta' konklużjonijiet filosofiċi, u lanqas ma hu riżultat ta' xi esperjenza. Fuq in-naħa l-oħra l-Koħelet bi kliem u espressjonijiet ċari juri kemm ħajjet il-bniedem hija tassew ftit ta' min jorbot fuqha. "Rajt l-għemejjel kollha li jsiru taħt ix-xemx, u ara x'sibt: kollox frugħa u ġiri wara r-riħ." (Koħ. 1, 14)

Il-Bibbja hija realista ħafna dwar dak li għandu x'jaqsam mas-sitwazzjoni eżistenzjali. Il-Ktieb ta' Ġobb jistaqsi kif qatt wieħed jista' jirrikonċilja l-ġustizzja t'Alla mat-tbatija li jgħaddi minnha l-bniedem ġust. (Ġobb 42, 1-16)

Ukoll il-kotba storiċi, minkejja li jinsistu ħafna fuq il-vokazzjoni tal-patrijarki, ta' Mosè u fuq l-għażla ta' Iżrael, imbagħad ifakkru wkoll fl-iskjavitù ta' Iżrael, il-ħbit minn popli barranin – dan jidher sew fil-Ktieb tal-Imħallfin – kif ukoll fuq tant żvinturi li ġew fuq Iżrael u Ġuda. Salmi 90 u 103 fi ftit versi jiġbru s-sitwazzjoni drammatika tal-umanità. "Żmien ħajjitna hu b'kollox sebgħin sena, l-iżjed tmenin jekk inkunu f'saħħitna, u l-biċċa l-kbira taħbit u niket; malajr jgħaddu u aħna mmorru magħhom." (S. 90, 10).

F'dak li huwa tul ta' ħajja kif ukoll is-siwi tagħha, Salm 103, 15-16 jgħid: "Bħall-ħaxix il-ħajja tal-bniedem; bħall-fjur tar-raba', hekk jikber. Tgħaddi ż-żiffa minn fuqu u jispiċċa u ħadd aktar ma jagħraf fejn kien." Ħsibijiet li jittormentaw il-bniedem ikunu kontinwament miegħu, biss l-aħħar tweġiba qiegħda biss għand Alla l-feddej.

## It-Testment il-Ġdid u l-bniedem

It-Testment il-Ġdid iqiegħed fl-istess miżien fejn tidħol it-tbatija tal-bniedem. Il-fejqan, l-eżorċiżmu ta' Ġesù, il-missjoni mal-foqra, il-ħniena mal-midinbin flimkien mal-ħsieb eskatoloġiku tat-tagħlim tiegħu jikxfu sew il-ħerqa lejn is-sitwazzjoni diffiċli tad-dinja. Huwa dak li jġib il-fidwa divina lill-bnedmin. Ma hemmx il-ħtieġa li wieħed isemmi u jelenka l-gwaj tal-mard; dan nafuh sew. Madankollu hemm il-problema eterna tad-dinja, ta' kif wieħed jirrikonċilja l-fidi f'Alla twajjeb, ħanin, ġust u omnipotenti ma' tant tbatijiet u mewt. Ir-rakkont tal-Ġenesi jispiċċa hekk: "U Alla ħares lejn kulma kien għamel u ara, kollox kien tajjeb ħafna" (Ġen 1, 31). Allura ta' min jistaqsi li matul il-mixja tal-istorja xi ħaġa ma ffunzjonatx sew?

L-awtur ta' din il-parti, magħruf bħala Jahwista, jagħti tweġiba profonda tar-rakkont tal-ħolqien ta' Adam mit-trab tal-

art u mogħti l-ħajja bin-nifs ta' Alla. Wara dan wieħed jiltaqa' ma' numru ta' ġrajjiet li kollha kemm huma jirribellaw kontra Alla (Ġen. 2-11). Dawn ir-rakkonti huma, iva, "mitiċi" jew "simboliċi", u dan għaliex qatt ma ġraw, però jseħħu kontinwament. Imma huma kemm huma hekk dawn qatt ma huma neqsin minn fundament storiku; dan għaliex it-tbegħid minn Alla dejjem kellu bidu fl-istorja. Kull meta l-awtur jiddeskrivi l-oriġini permezz ta' rakkonti simboliċi, dan ikun qed isaħħaħ mhux inaqqas il-għana ta' dan it-tifsir teoloġiku.

F'Ġen. 2, 4-6 l-awtur jirrakkonta li fil-bidu l-art kienet niexfa u bla ħajja, u dan għaliex ħadd ma kien jaħdimha. Il-bniedem ġie maħluq mit-trab ta' din l-art niexfa, biss ġie mżejjen minn nifs divin (2, 7); mela materja u spirtu. Dan il-bniedem tqiegħed fi ġnien li jgħaxxqek, li Alla stess ħalaq għalih. (Ġen. 2, 8-14)

L-abbundanza ta' ilma kif ukoll ir-riferiment għad-deheb u ħaġar prezzjuż ieħor huma ta' ġibda lejn dan il-post, rigal tal-Ħallieq tal-umanità u stat ta' kif iridu Alla. Is-setgħa tal-bniedem mhix waħda assoluta; il-projbizzjoni li jiekol mis-siġra tal-għerf tat-tajjeb u l-ħażin (2, 17) turi s-sottomissjoni tal-ġeneru uman kollu għar-rieda ta' Alla ħallieq, dejjem f'dak li huwa tajjeb jew ħażin.

## Adam u Eva

Adam jagħti isem lill-annimali kollha, u dan juri li huwa fuqhom, mela għandu s-setgħa li jmexxihom hu (Ġen. 2, 19-20). Però xorta waħda jibqgħu s-sieħba tiegħu. Il-ħolqien ta' Eva minn kustilja, il-post l-aktar qrib tal-qalb ta' Adam, probabilment huwa dik il-ġibda ta' bejn ir-raġel u l-mara kif ukoll il-ħsieb li jingħaqdu ma' xulxin fiż-żwieġ (2, 18-25). Jidħol issa s-serp (93, 1-7), bil-ġibdiet ħżiena u fini tiegħu, u dan biex jaqleb l-ordni tal-ħolqien u jwassal għal-mewt (Għerf 2, 23). Fi kliem ċar, is-serp ma huwa ħadd jekk mhux id-demonju. Qabel, però, huwa stess kien fost il-ħlejjaq sbieħ ta' Alla. Ġara li mimli għira s-serp irribella kontra l-Ħallieq, biex issa jħajjar lill-bnedmin ħalli dawn ma joqogħdux għal Alla. Hekk dawn il-bnedmin ikollhom u jsaħħu l-indipendenza propja tagħhom u huma stess jiddeċiedu x'inhu t-tajjeb jew il-ħażin. Hekk dawn il-bnedmin jagħmlu minn kollox biex ma jobdux lil Alla.



*Adam and Eve - Jacob Jordaens (1593-1678) Il-Mużew ta' Varsavja*

## Effett il-gidba

Ir-raġel u l-mara kielu mill-frotta pprojbita u fl-istess waqt stennew bil-fiduċja li b'mod meraviljuż jinbidlu f'allat. Biss, issa ġara bil-kontra għaliex indunaw li huma għarwenin (3, 2-7). Hawn paradoss qawwi fil-letteratura kollha. L-awtur diġà kien qal li din il-koppja kienet mingħajr ħwejjeġ, madankollu ma kenux jistħu minn xulxin. Jista' jkun ukoll li kif tosserva l-letteratura Ġudajka, Alla kien libbishom bil-glorja. Dan in-nuqqas ta' glorja kif ifakkru tant tajjeb San Pawl f'Rumani 3, 23. Dan il-kliem ikompli jurina dwar ix-xejn tal-ġeneru uman kollu, meta dan jitbiegħed minn Alla. "Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla (Rum. 3, 23). Il-mistħija u l-akkużi lejn xulxin ta' Adam, Eva u s-serp juru sewwa s-sens sħiħ tal-ħtija. (Ġen. 3, 8-13)

# IL-ĦAJJA SEMPLIĊI MONOTONA?

Min minna ma tinżillux għasel biċċa ħobż biż-żejt fis-sajf? Min minna ma jiħux imqar biċċa żgħira biex biha jlaqqat iz-zalza li jkun fadal fil-platt? Il-ħobż! Tant tajjeb, minkejja s-sempliċità tiegħu… dqiq, ħmira u ilma. Issa bl-istess mod, l-ingredjenti għal ħajja bis-sens jistgħu jkunu daqstant sempliċi. Qatt gawdejna nżul ix-xemx ma' xi ħadd għażiż? Qed insibu ħin biex inqattgħu ftit ħin ma' qrabatna anzjani?

Għad għandna ħin għalina nfusna, għal mixja fil-kampanja jew biex naqraw xi ktieb? Sfortunatament, għal ħafna minna, kull minuta minn ħajjitna tista' tissarraf fi flus u għalhekk l-ingredjenti sempliċi warrabniehom fil-ġenb.

Għalina l-Kapuċċini din is-sempliċità hija ċentrali, għax permezz tagħha nitbiegħdu dejjem aktar minn dak li jista' jservi ta' distrazzjoni. Dan ngħixuh billi nfittxu li jkollna l-minimu neċessarju; aktar minn hekk, insibuh fil-komun (użat ukoll minn patrijiet oħra). Fil-prattika jfisser li affarijiet bħal mowbajl u laptop ikunu personali filwaqt li oħrajn, bħal karozza u televixin, jintużaw dawk komuni. Biż-żmien, grazzi



għal dan l-istil ta' ħajja, il-patri jirrealizza li jkollu bżonn ħafna inqas affarijiet minn kemm wieħed jaħseb, u dan jgħinu jagħraf il-prijoritajiet veri.

Min-naħa l-oħra, ħajja sempliċi ma tfissirx ħajja monotona! Il-patri Kapuċċin igawdi ħajja soċjali mżewqa. Ir-relazzjonijiet mal-familja huma ċċelebrati u mħeġġin li jikbru u jissaħħu.

Ukoll, għal ħafna li jistaqsu jekk patri joħroġx mal-ħbieb, ngħidulu, "Għala le?!" Ma tibqax spissa, vera, minħabba l-impenji varji, imma iva, ħarġa mal-ħbieb tibqa' ssir.

Importanti li nżommu f'moħħna li s-sempliċità u d-deprevazzjoni huma realtajiet differenti. Il-bażiku u l-meħtieġ naraw li dejjem ikollna! Iż-żejjed nippruvaw neħilsu minnu. Dan kollu biex infittxu ninħelsu mir-rabta mal-affarijiet materjali. Tajjeb ukoll nifhmu li l-isforz għas-sempliċità ma jagħmilniex kollha l-istess, uniformi. Fil-fatt kull patri huwa msejjaħ ifittex dejjem aktar kif jista' jgħix dan il-valur tas-sempliċità, b'mod personali.

Għal aktar informazzjoni fuq il-ħajja tal-patrijiet Kapuċċini...
Br Jethro Bajada OFMCap
79059163





SR BRIĠIDA CARUANA SORU FRANĠISKANA TAL-QALB TA' ĠESÙ

# Il-Komunità u l-Ewkaristija

1 Kor. 1:10-12; 1 Kor. 11:17-30

L-Ewkaristija hija l-bażi tal-komunità. San Pawl jorbot il-komunità mal-Ewkaristija: għax tibni l-komunità fl-imħabba tal-aħwa. Fl-Istqarrija tal-Fidi aħna nistgħu naraw:

- l-Ewkaristija biex nersqu għall-quddiesa;
- l-Ewkaristija biex nersqu lejn is-sagrament;
- u l-Ewkaristija biex naduraw.

San Ġwann jagħtina xi tfisser l-Ewkaristija – servizz lil xulxin fil-komunità. Ġesù tana l-eżempju fl-Aħħar Ċena meta Hu neħħa l-mantar, libes fardal ma' qaddu u ħasel riġlejn l-appostli. Meta spiċċa dan is-servizz Huwa neħħa l-fardal, libes il-mantar u qagħad bilqiegħda madwar il-mejda u qalilhom: "Tafu x'għamiltilkom? Intom issejħuli l-imgħallem u l-Mulej u tgħidu sewwa għax hekk jien. Mela jekk jien, il-Mulej u l-imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin. Għax jien tajtkom eżempju biex kif jien għamilt magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll."

Fl-Ittra ta' San Pietru nsibu miktub: "Tħażżmu bl-umiltà wieħed lill-ieħor."

Il-komunità Nisranija trid tinbena fuq il-misteru tal-Għid (l-Ewkaristija). Fil-Vanġeli nsibu lil Ġesù jwissina fuq id-dnub kontra l-Ewkaristija: "Min jiekol l-Ewkaristija bla ma jistħoqqlu jkun qed jiekol il-kundanna tiegħu stess."

Fil-parabbola tal-Iben il-Ħali nsibu lill-missier jagħmel festa kbira għar-ritorn tal-iben li nidem u reġa' lura f'dar missieru. Insibu lill-missier joqtol il-ħaruf l-imsemmen, is-simbolu tal-Ewkaristija. Naraw ukoll kemm hi kbira l-maħfra tal-missier: mhux talli ħafirlu imma għamillu festa kbira. Jidħol fix-xena mbagħad l-iben il-kbir: "Jien qatt ma ksirtlek kelmtek u lili



qatt ma tajtni l-iċken ħaruf biex nagħmel festa ma' sħabi." Ħadd qatt ma jista' jgħid li qatt ma għamel dnub, u għalhekk in-Nisrani għandu dejjem jifraħ għar-ritorn tal-midneb għall-ħajja tal-grazzja.

Issa nitkellem fuq il-pranzu tas-sultan... il-libsa tat-tieġ: ilbsu l-imħabba. Hemm żewġ preċetti:

1. Ħobb lil Alla b'qalbek kollha u b'ruħek kollha.
2. Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.

Dawn iż-żewġ kmandamenti jiddependu minn xulxin. Kif tista' tħobb lil Alla li ma tarax u tobgħod lill-proxxmu tiegħek? Min verament iħobb lil Alla jħobb ukoll lill-proxxmu tiegħu. Jekk inti tħobb lill-proxxmu tiegħek, ma tagħmillux deni, imma tixtieqlu dejjem il-ġid. L-Ewkaristija ma nistgħux nirċevuha jekk mhux bil-preċett tal-imħabba.

"Dan hu Ibni li fih insib il-għaxqa tiegħi." L-Ewkaristija hija s-sies u ċ-ċentru tal-komunità Nisranija.

• Kemm qed nagħti mill-enerġija tiegħi fil-komunità?
• Kemm qed nagħti mill-imħabba tiegħi fil-komunità?

L-imħabba trid tidher u tinħass għax meta tħobb lill-komunità tikber fil-qdusija. Kemm qed inħobb biex nitqaddes u biex ngħin lill-komunità?

L-Ewkaristija tfisser diżarmament: Ġesù fl-Ewkaristija żarma lilu nnifsu. Tfisser ukoll disponibiltà: "Dan hu ġismi," issagrifikat għalikom, mogħti għalikom. L-Ewkaristija hija skola tal-imħabba.

**Talba:** *Ġesù, agħmel li meta nirċevik fl-Ewkaristija tikber l-għaqda tiegħi miegħek u ma' ħuti.*


# VUĊI MISSJUNARJA

jixxandar fuq Radju Marija

- Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet!
- Kun af bil-proġett ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn, nies imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.
- Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.





FR JOE BUTTIGIEG OFMCap

# Alla jsejjaħ, Francesco jwieġeb

(It-tielet parti)

It-tfal ta' Pietrelcina kienu jieħdu gost jinġabru fuq iz-zuntier tal-knisja biex joqogħdu jilagħbu.

Francesco kien spiss ikun magħhom, imma minflok ma joqgħod jilgħab kien joqgħod kwiet iħares lejhom jilagħbu. Ħafna drabi kien jippreferi joqgħod waħdu miġbur fuq xi bank tal-knisja bla nies, b'ħarstu fuq il-lampier, u jisma' l-ħoss tan-nar tal-ftila hi u tidbiel quddiem it-tabernaklu. Kien f'waqt bħal dan, meta kien waħdu fil-knisja, waranofsinhar ta' sajf sħun, li deherlu Ġesù, li għamillu sinjal biex jersaq lejh u qiegħed idejh fuq rasu. Dak il-ġest min-naħa ta' Ġesù kien espressjoni ta' għażla, sejħa li għaliha Francesco, li kien għad għandu 5 snin biss, mingħajr ma qagħad itella' u jniżżel, wieġeb b'qalb kbira billi waħħalha f'rasu li jikkonsagra lilu nnifsu kollu kemm hu lil Alla.

Minn dak il-waqt 'il quddiem ħsiebu kien dejjem fil-ħwejjeġ tas-sema. Ma' sħabu kien juri ruħu iktar serju u kien joqgħod 'il bogħod minn dawk li kellhom ilsienhom twil u għajn ħażina. Imma din is-serjetà stretta tiegħu tat fastidju mhux ftit lil sħabu, li kienu fuq tagħhom, minbarra xi ħabib sinċier, u kienu jfittxu joqogħdu lura minnu għax kienu jgħidu li kien tip "maqtugħ" – stramb.

Sadanittant is-sejħa kienet dejjem qiegħda tikber fih. Kien l-ewwel wieħed li resaq quddiem l-arċipriet jitolbu biex jitgħallem il-katekiżmu, u kien dejjem minn tal-aħħar li joħroġ mill-knisja biex isellem lil Ġesù u lill-Verġni Marija.

Ta' 10 snin għamel l-Ewwel Tqarbina u ta' 12-il sena rċieva d-Dilka tal-Isqof minn idejn Mons. Donato Maria dell'Olio, Arċisqof ta' Benevento. Malajr tgħallem jaqdi l-artal bħala abbati. Kemm kien ikun hieni meta kien ikun jista' jqiegħed il-ward quddiem ix-xbieha tal-Madonna! L-istatwa tal-Madonna della Libera, li sal-lum hija meqjuma b'tant għożża fi Pietrelcina, kienet issaħħru iktar minn kull ħaġa oħra, wara Ġesù Sagramentat naturalment. Kien jibqa' ma jiċċaqlaqx, b'ħarstu fissa fuqha, filwaqt li jċaqlaq kemm kemm xufftejh bit-tislima tal-Arkanġlu Gabrijel.

Meta Zi Orazio ra li Francesco kien qiegħed jitfarfar u jsir qisu raġel żgħir ħaseb li jibda jieħdu miegħu Piana Romana u jibda jdarrih jirgħa lill-erba' nagħġiet u możgħa li kellu. Ir-ragħaj ċkejken tagħna kien ikun ser itir bil-ferħ għaliex dan kien ser jippermettilu li jgawdi s-skiet u s-solitudni tan-natura, miksura biss minn xi ħoss stunat. Anna Fucci, tifla li kellha l-istess xogħol bħal Francesco, jum wieħed resqet lejh u stednitu joqogħdu jitħaddtu waqt li l-bhejjem kienu jkunu medhija jieklu l-ħaxix. Imma Francesco malajr qalilha: "Inti għalik u jiena għalija," dar u mexa 'l hemm. Kien qrib biss ta' ċertu tifel jismu Mercurio Scocca, tal-istess età tiegħu, li miegħu kien joqgħod jaħdem bit-tafal il-pasturi għall-presepju, jagħmel l-imsiebaħ bil-qxur tal-bebbux, u xi purċissjoni bil-Bambin

li kienet tispiċċa f'xi għar fil-qrib. Intant, iktar ma kien għaddej iż-żmien, Francesco kien qiegħed iħoss is-sejħa ta' Alla, u bħal leħen jistiednu biex isir jixbah dejjem iżjed lil Ġesù.

Ħafna drabi inħatti ommu kienet tidħol fuqu u ssibu jissawwat b'katina tal-ħadid jew rieqed għall-qiegħa tal-art b'ġebla taħt rasu. Kien jgħidilha li "kien meħtieġ jissawwat bħalma l-Lhud sawtu lil Ġesù".

Biex jogħġob lil Alla, il-futur Padre Pio kien jimpenja ruħu biex jgħix ħajja virtuża. Lejla waħda, wara li kien libes qmis ġdida mixtrija b'ħafna sagrifiċċji mill-ġenituri tiegħu, reġa' lura d-dar nofsu mneżża'. Għaċ-ċanfira ta' ommu wieġeb li kien ta' lil tifel ieħor għax kien fil-bżonn iktar minnu. Fi Pietrelcina kien hemm nies li kienu għadhom jiftakru kif kien jitlob lis-sagristan Peruto biex iħallih waħdu, bil-bieb tal-knisja magħluq, u kien jiftiehem miegħu x'ħin kellu jmur jiftaħlu.

Solitudni, meditazzjoni, penitenza, talb: dawn kienu l-pedament tas-sejħa li kien iħoss li qiegħda dejjem tikber fih. It-talb tiegħu, li għall-ewwel kien biss talb ta' tifħir lil Alla, ta' radd il-ħajr, qima, smigħ, beda jsir ukoll talb ta' interċessjoni biex jaqla' l-grazzji għall-oħrajn. Dan kellu jkun il-bidu, li mbagħad sar l-istil tiegħu tul ħajtu kollha. Il-bidu ta' din l-esperjenza kien f'Altavilla Irpina, fil-provinċja ta' Avellino, fis-santwarju ddedikat lill-Qaddisin Martri u fejn kien hemm devozzjoni kbira lejn San Pellegrino. Darba missieru ħadu miegħu għall-festa ta' San Pellegrino.

Mal-wasla tagħhom daħlu fis-santwarju, resqu lejn l-artal u malajr Francesco beda jitlob. Zi Grazio wara ftit tal-ħin deher nervuż minħabba l-ħafna nies li bdew jaslu, min jimbotta minn hawn u min jitħaddet jgħajjat minn hemm. Għalhekk mess lil ibnu



| *Francesco Forgione bħala tifel*

fuq spallejh u qallu biex joħorġu. Imma bħallikieku t-tifel weħel mal-art, milqut u mqanqal minn omm żagħżugħa li kienet titlob tgħajjat grazzja għat-tarbija tagħha. L-imsejkna mara kienet qiegħda tħaddan magħha tarbija qisha biċċa laħam. Francesco kien qed jara, jisma' u jibki d-dulur ta' dik l-omm; beda jitlob magħha u għaliha, meta f'daqqa waħda din il-mara, forsi għajjiena li ma ġietx mismugħa, qabdet u meddet mal-art quddiem San Pellegrino lill-ħlejqa tagħha u bkiet biki ta' qsim il-qalb. B'għaġeb kbir ta' dawk kollha li kienu preżenti t-tarbija bdiet titħarrek sakemm qamet fuq riġlejha u qabdet timxi, imfejqa għalkollox. Ħafna jaħsbu li dan kien l-ewwel miraklu ta' fejqan li għamel Padre Pio, meta kien għad kellu biss 5 snin. Kien fi Piana Romana li ż-żagħżugħ Francesco qal lill-ġenituri tiegħu bix-xewqa li jikkonsagra lilu nnifsu lil Alla.

L-okkażjoni ġiet meta Fra Camillo minn Sant'Elia a Pianisi, ajk ċirkatur Kapuċċin mill-kunvent ta' Morcone – mhux 'il bogħod ħafna minn Pietrelcina – ħabbat il-bieb tal-familja Forgione, jitlob il-karità. L-għajnejn ħelwin tal-Fra, imwaħħla f'wiċċ ħamrani

mżejjen b'daqna twila u awstera, iltaqgħu mal-għajnejn kbar tat-tfajjel Francesco, li baqa' milqut għall-aħħar.

Mamma Peppa kienet ta' qalb kbira u rat li l-Fra joħroġ minn darha bil-ħorġa mimlija ħalli jkun jista' jibqa' sejjer lura l kunvent. Fra Camillo melles lil Francesco, tah domna u telaq.

"Sia lodato Gesù Cristo" (Ikun imfaħħar Ġesù Kristu) kienet it-tislima tal-ajk ċirkatur, li baqgħet tidwi fil-qalb ta' Francesco, li wara xi jiem, konvint u deċiż, mar sab lil missieru u qallu: "Irrid insir patri. Irrid insir patri li jqaddes, u patri bid-daqna bħal Fra Kamillu." Il-missier tbissem, feraħ u mar jagħti l-aħbar lil martu, imbagħad malajr kien sar jaf kulħadd. Fid-dar kien kulħadd jitħaddet fuq din il-ħaġa. Angelantonio Scocca, iz-ziju, Don Giuseppe Orlando, qassis żagħżugħ, l-omm u l-arċipriet iltaqgħu biex jitkellmu fuq id-deċiżjoni ta' Francesco.



*Il-knisja ta' Sant'Anna, fejn kien jitlob.*

Qalulu bil-patrijiet ta' Paduli jew il-Franġiskani ta' Benevento. Imma dan m'għoġobx lill-interessat għax dawn il-patrijiet li semmewlu ma kellhomx daqna. Grazio Forgione kien ferħan li fil-familja kien hemm iben li ried isir saċerdot, imma ma kellux biex iħallaslu għall-istudji li kellu bżonn jagħmel it-tifel, u allura ddeċieda li jemigra lejn l-Amerika. Qabel telaq ħalla lit-tifel f'idejn Domenico Tizzani biex jagħtih xi lezzjonijiet. Ftiehmu li kellu jagħtih 5 liri (ta' dak iż-żmien) fix-xahar.

skolasanpiju@gmail.com

# Jiċċelebra 50 sena mill-Professjoni Perpetwa



Ħuna Patri Anton Briffa OFMCap din is-sena qiegħed jiċċelebra għeluq il-50 sena mill-professjoni perpetwa tiegħu bħala reliġjuż membru fil-fraternità tal-Franġiskani Kapuċċini f'Malta. Eżattament huwa pprofessa bħala membru sħiħ fi ħdan l-Ordni Kapuċċin nhar id-19 ta' Settembru tas-sena 1971.



Matul is-snin tiegħu bħala saċerdot Ħuna Anton wettaq diversi ħidmiet. Fosthom kien rappreżentant tal-Arċisqof bħala kappillan tal-Malta Boys Scouts, surmast, kompożitur u għalliem tal-mużika sagra, viċi kappillan fiż-żewġ parroċċi li l-Kapuċċini għandhom fil-Marsa u kappillan fl-isptarijiet. Illum huwa jagħmel parti mill-fraternità tal-parroċċa ta' Marija Reġina fil-Marsa.

Lil dan Ħuna nawgurawlu u nżommuh fit-talb tagħna.



FRANKIE AZZOPARDI

# Sahriet mal-Mulej

Madwar disa' snin ilu Fr Philip kien avviċinani biex nipprepara xi ħaġa għal siegħa sahra quddiem Ġesù Sagramentat f'Ħamis ix-Xirka, bejn id-9.00 u l-10.00 ta' billejl, fil-knisja tas-Salib Imqaddes jew kif ħafna drabi nirreferu għaliha, tal-Kapuċċini fil-Furjana.

Kont bdejt billi użajt kitba ta' San Ġorġ Preca - il-*Coram Domino*. Minn dakinhar bqajt dejjem nieħu ħsieb nikteb skritti oriġinali għal din l-okkażjoni, f'dan il-jum tant importanti għalina l-Insara. Kienet ġietni l-idea li naqsam magħkom dawn il-kitbiet billi jiġu ppubblikati u l-qligħ imur biex jgħin lill-patrijiet Kapuċċini fix-xogħol missjunarju tagħhom. Tkellimtha ma' Fr Philip, li mill-ewwel laqa' din l-idea, u bdejna naħdmu fuqha. Fr Philip għoġbu jagħmel daħla għal dan il-ktieb, għall-istampi tlabt l-għajnuna ta' Vincent Mangani, ex għalliem tal-Arti u ħabib tiegħi, u l-qarrej tal-provi huwa Joe Debattista, ex għalliem tal-Malti u ħabib fil-grupp tagħna Familji Franġiskani.

Għalhekk qed nippreżentawlkom il-ktieb *SAHRIET MAL-MULEJ*, bil-prezz ta' €5, ktieb ta' mija u tmienja u tletin paġna li fih se ssibu siltiet li jistgħu jservuna biex nishru ma' Sidna Ġesù Kristu lejlet it-tifkira tal-mewt tiegħu għalina fuq is-salib, jew b'mod individwali jew f'miġemgħa. Fost it-temi ttrattati fil-ktieb minbarra l-Coram Domino nsibu: siltiet mill-Evanġelju ta' San Mark dwar il-passjoni, is-Seba' Kelmiet, il-ħniena, personaġġi mill-passjoni, profeziji dwar il-passjoni u l-Aħħar Ċena u aħna.




Bejn qari u ieħor jista' jiżdied xi kant addattat għal dan iż-żmien. Il-qari jista' jintuża wkoll bħala bażi għall-irtiri jew bħala temi sabiex tkun tista' ssir meditazzjoni.

Inħeġġukom takkwistaw kopja u tagħmlu użu minnha.

*Dan il-ktieb jinkiseb mil-libreriji ewlenin f'Malta u f'Għawdex kif ukoll mill-Uffiċċju Missjoni tal-Kapuċċini fil-Furjana.*

Il-Mulej jagħtikom is-sliem!



MILL-KITBIET LI ĦALLIELNA WINSTON L. ZAMMIT
BA (HONS) PGCE, MA

# Il-Franġiskani Kapuċċini f'Malta (1911-1920) (l-ewwel parti)

**Fl-1910 t-tmexxija tal-provinċja Maltija tal-patrijiet Franġiskani Minuri kienet f'idejn Patri Piju Dimech OFMCap, u kien ġie elett ministru provinċjal fil-kapitlu provinċjali li kien sar fid-29 ta' Ottubru 1908.[1]**

Iżda sal-1920 il-provinċja Maltija kellha tliet ministri provinċjali oħra, li kienu: Patri Tumas Meilaq OFMCap, elett fil-kapitlu provinċjali tat-12 t'Ottubru 1911;[2] Patri Eġidju Salomone OFMCap, elett fil-kapitlu provinċjali – 15 ta' Settembru 1914;[3] Patri Eusebio Calì OFMCap, elett fil-kapitlu provinċjali tad-29 ta' Novembru 1917, u li baqa' fil-kariga sal-1921.[4]

B'talba tal-provinċja Maltija nsibu li bejn l-10 u s-26 ta' Frar 1919 kellha żjara mill-Ministru Ġeneral Patri Venanzi mill-Isla – Eni REGAULT.[5]

## Saċerdoti ġodda:

Fl-1915 il-provinċja Maltija kellha b'kollox 96 reliġjuż,[6] u matul il-perjodu li qegħdin nitkellmu fuqu (1911-1920) kellha 'l dawn is-saċerdoti ġodda.

1912: Fil-21 ta' Ottubru 1912 ġew ordnati saċerdoti mill-Isqof Awżiljarju Fra Angelo Portelli OP: Patri Fugenzju mit-Tuneżija, Patri Ġorġ mill-Furjana, u Patri Grighelmu minn Raħal Ġdid.[7]

1917: Fit-2 ta' Ġunju Dun Maurus Caruana OSA mexxa ordinazzjoni fil-knisja tal-Franġiskani Kapuċċini fil-Furjana, li fiha ġew ordnati saċerdoti erba' djakni Franġiskani Kapuċċini, li kienu Patri Karm Buttigieg mill-Belt Valletta; Patri Pietru Mamo OFMCap mill-Furjana; Patri Ġerardu Debattista OFMCap mill-Furjana, u Patri Anton minn Għawdex.[8] L-imsemmi Patri Karm Buttigieg OFMCap iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-knisja tal-Kapuċċini, il-Furjana nhar il-Ħadd, 10 ta' Ġunju 1917.[9]

1918: Fil-25 ta' Mejju 1918 ġew ordnati saċerdoti mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Giovanni Marija Camilleri OSA tliet djakni Kapuċċini: Patri Franġisku Saverju Fenech mill-Furjana, Patri Fortunatu u Patri Ġużeppi Marija.[10]

1920: Fid-29 ta' Mejju 1920 Mons. Arċisqof Mons. Maurus Caruana OSA mexxa ordinazzjoni fil-knisja parrokkjali tal-Marsa,



li fiha ordna ħames saċerdoti, fosthom id-djaknu Franġiskan Kapuċċin Patri Agotanġlu OFMCap mill-Belt Valletta, Patri Bernard Galea OFMCap mill-Ħamrun, Patri Kassjanu Tabone OFMCap u Patri Mikiel OFMCap, it-tnejn minn Raħal Ġdid.[11]

Iżda minbarra dawn l-ordinazzjonijiet ukoll insibu li fl-20 ta' Diċembru 1913, ġewwa Burges fi Spanja, ġie ordnat saċerdot id-Djaknu Angelo Mizzi OFMCap, qarib ta' Guido Mizzi, li kien jiġi iben il-politiku Dr Fortunatu Mizzi (1844-1905).[12]

Dwar il-vokazzjonijiet Franġiskani Kapuċċini fil-perjodu tal-Ordni, l-*Immakulata* tgħidilna li, l-Ordni kien qed jiġbor numru ta' vokazzjonijiet mill-iskola li kien hemm fil-Belt Valletta bl-isem ta' St Paul's School.[13]

## Kunvent ġdid fil-Marsa:

Fl-1910 l-provinċja Maltija kellha biss tliet kunventi: dawk tal-Furjana, il-Kalkara u Għawdex. Iżda matul il-perjodu li qegħdin nitkellmu fuqu, il-provinċja Maltija akkwistat kunvent u knisja ġdida, dawk tal-Marsa. Dawn inbnew bil-ġenerożità tas-Sinjuri Lorenzo Balbi u martu Carmela. Ix-xogħol fuq il-bini tal-knisja nbeda fl-1909 u dak tal-kunvent fl-1910. Ix-xogħol kollu fuq iż-żewġ proġetti tlesta fl-1912.[14] Permezz ta' rikors bid-data tat-12 ta' Marzu 1910, Lorenzo Balbi talab lill-Arċisqof Pietru Pace biex il-knisja li kienet qiegħda tinbena fil-Marsa tingħata lill-patrijiet Franġiskani Kapuċċini. L-Arċisqof Pace laqa' din it-talba fil-25 ta' Mejju 1910.[15] Fid-19 ta' Novembru 1912 sar il-kuntratt bejn Lorenzo Balbi u l-provinċja, li fiha saret id-donazzjoni tal-art u l-knisja.[16] B'digriet tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Reliġjużi fit-12 ta' Diċembru 1917 il-knisja tal-Marsa tnediet bħala parroċċa maqtugħa mill-Ħamrun, Ħal Qormi u Raħal Ġdid.[17] L-imsemmija knisja tbierket fid-19 ta' April 1913.[18] Bl-għotja tal-kunvent tal-Marsa nħolqot fraternità ġdida, li kienet magħmula hekk:



Patri Ewġenju (gwardjan), Patri Piju Dimech OFMCap (kappillan), Patri Gejtanu, Patri Mikiel, Patri Feliċ, Patri Rafel Hockey, Patri Luigi, Fra Bonaventura, Fra Ġerardu u Fra Lawrenz.[19]

## Is-sindki appostoliċi:

Il-patrijiet Franġiskani Kapuċċini kienu jafdaw l-amministrazzjoni finanzjarja tal-kunventi tagħhom f'idejn lajk, li kien ikollu t-titlu ta' sindku appostoliku, u kull kunvent kien ikollu dan is-sindku appostoliku.

Fl-1910 s-sindku appostoliku tal-kunvent tal-Furjana kien in-nobbli Carlo Zimmerman Barbara, li miet fid-29 ta' Jannar 1917.[20] Warajh f'din il-kariga nħatar il-Perit Emmanuele Borg mill-Furjana. Il-Perit Borg kien benefattur tal-kunvent. Fil-fatt kien huwa li għamel il-pjanta tal-kappella l-ġdida tal-Madonna ta' Lourdes, li tlestiet fl-1920, u mexxa l-bini tagħha mingħajr ħlas. Minħabba dawn il-merti u oħrajn, fl-1920 inħatar kavallier tal-Ordni ta' San Silvestru mill-Papa Benedittu XV.[21]

Is-sindku tal-kunvent tal-Kalkara kien il-Markiż Lorenzo de Piro, iżda wara mewtu, fl-1911, din il-kariga ngħatat lill-Konti Francesco Piscopo Macellonin.[22] Fil-15 ta' Diċembru 1916 din il-kariga ngħatat lin-Nutar Luigi Gauci Ferno.[23]

Fl-1916 l-Imħallef Dr Giuseppe Agius kellu l-kariga ta' sindku appostoliku tal-kunvent ta' Għawdex.[24] Wara li l-provinċja ngħatat il-kunvent tal-Marsa, fl-1914, is-Sur Carmelo Cassar, wieħed mill-impjegati tal-Kurja, inħatar bħala sindku appostoliku tal-kunvent tal-Marsa.[25] Fl-1916 l-imsemmi Sur Cassar inħatar kavallier tal-bażilika ta' Loreto.[26] Is-Sur Cassar ġie deskritt bħala "benefattur kbir għal dan il-kunvent tal-Marsa", u ħadem bla mistrieħ mhux biss għal dan il-kunvent iżda għall-kunventi tal-provinċja. Huwa miet fis-7 ta' Diċembru 1916 fl-età ta' 63 sena.[27] Wara mewtu l-Avukat Enrico Frendo LLD tal-Furjana nħatar sindku appostoliku tal-kunvent tal-Marsa.[28]

Fost il-benefatturi tal-provinċja f'dan il-perjodu nsibu lill-Professur Dr M. A. Refalo, li kien il-konsulent legali tal-provinċja. Dr Refalo fl-1915 inħatar bħala assistent avukat tal-kunvent.[29] Warajh bħala avukat tal-provinċja laħaq is-sindku appostoliku tal-kunvent ta' Għawdex, li fl-1915 inħatar imħallef.[30]




Referenzi:

1. Azzopardi F., *Elective Chapter and Appointments of Provincial Superiors of the Capuchin Province of Malta 1778-1992*, p. 51
2. ibid. p. 52
3. ibid. p. 53
4. ibid. p. 54
5. *L-Immakulata* 15-01-1919, pp. 9-10
6. ibid. 15-01-1915
7. Calleja J., *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000*
8. *La Diocesi* 7-06-1917, p. 29
9. *Is-Salib* 16-06-1917, p. 2; Malta Tagħna 16-06-1917
10. *L-Immakulata* 15-06-1918, p. 93
11. *La Diocesi Anno* IV, 1919-1920, No. 5, 6, p. 144
12. *Malta* 20-12-1913
13. *L-Immakulata* 1-09-1913, No. 15
14. *Il-Marsa* April 1988, p. 5
15. *Malta* 28-05-1910, p. 2
16. *Il-Marsa* April 1988, p. 5
17. ibid. p. 6
18. *L-Immakulata* 1-05-1913 No. 7, pp. 106, 107
19. *Il-Marsa* April 1988, p. 4, 1916, p. 189
20. *Guida Generale di Malta e Gozo* 1908, p. 142; *Malta Tagħna* 3-11-1917
21. *Malta Tagħna* 3-11-1917
22. *Malta* 6-11-1911
23. *L-Immakulata* 1-01-1917 No. 23, p. 237
24. *Guida Generale di Malta e Gozo* 1916, p. 189
25. *Malta Tagħna* 28-11-1914. Hawnhekk bi żball intqal li kien inħatar sindku appostoliku tal-kunvent tal-Furjana minflok tal-Marsa. Il-ħatra tiegħu saret permezz ta' digriet tal-Ministru Ġenerali tal-Ordni u bil-permess tal-Papa Piju X.
26. *L-Immakulata* 1-01-1916, No. 23
27. ibid. 1-01-1917 No. 23
28. ibid.
29. ibid. 15-11-1915 No. 20
30. ibid. 1-11-1915 No. 19



JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)
RITRATTI TA' PIERRE EUGENE BUTTIGIEG

# Leġġendi minn Għawdex

## 1. Il-mara li sabet kappell jiġiha[1]

Fir-raħal tax-Xagħra kien hemm mara li kienet issaħħar lill-irġiel. Kienet sabiħa wisq. Kienet iżżewġet għal darba, tnejn u tlieta. Kull darba kien imut ir-raġel. Mal-erba' rjiħat tax-Xagħra kull mara kienet taf li din il-mara ftit li xejn kellha rispett għall-irġiel li kellha.

Ftit wara li miet it-tielet raġel reġgħet ingħaqdet fiż-żwieġ għar-raba' darba. Kulħadd kien qed jgħid li dalwaqt dan ir-raba' raġel kien se jħalli din id-dinja. Iżda dan ir-raġel kien waħħalha f'rasu li dik id-darba l-istorja ma kinitx ser tirrepeti ruħha. Jum wieħed – lanqas kien sebaħ sewwa – is-serduq li kellu dan ir-raġel beda jidden aktar kmieni mis-soltu. L-għada s-serduq reġa' għamilha. Ir-raġel beda jirrabja u dar fuq il-mara u bir-ragħwa f'ħalqu qalilha: "Jekk is-serduq jerġa' jqajjimni t-tielet darba, daqshekk idum ħaj!" Il-mara ma qaltlu xejn. L-għada s-serduq fetaħ ħalqu u b'għajta kbira qajjem lil kulħadd. Meta semgħu r-raġel qam mill-friex, niżel bil-bitħa, ħa f'idu l-aħjar sikkina u tajjarlu rasu. Meta l-mara qamet nittfet is-serduq u għamlitu brodu.

Ftit jiem wara n-nagħġa qajmet id-dar kollha. Ir-raġel irrabja u kompla jorqod qalb il-friex. L-għada n-nagħġa reġgħet għajtet waħda sewwa. Ir-raġel qam u dar lejn il-mara u bil-pulit qalilha: "Jekk terġa' tqajjimni, għada niskarnaha!" Il-mara ma qaltlu xejn. L-għada n-nagħġa reġgħet qajmet lil kulħadd. Ir-raġel qam mis-sodda u mingħajr ma ħasel wiċċu, niżel isfel. Ħa s-sikkina u dawwarha ma' għonq in-nagħġa.

Meta l-mara niżlet mis-sodda sabet il-bitħa maħsula bid-demm. Kellha tqatta' l-għodwa fil-kċina tipprepara l-ikla li s-soltu ssir għall-festa tal-Għid.

Wasal is-sajf. Il-ġranet komplew bis-sħana u s-sema kompla bid-dawl. Waslu l-festi. Fix-Xewkija kienu qed jiċċelebraw il-festa tal-patrun tagħhom – San Ġwann il-Battista. Ir-raġel ried imur il-festa. Rama l-ħmar bil-karettun. Ftit wara r-raġel u l-mara ħarġu mid-dar, rikbu fuq il-karettun u tlikki tlikki bdew għaddejjin mit-toroq tax-Xagħra biex jaslu x-Xewkija. F'daqqa waħda l-ħmar waqaf. Ra l-ħafur u billi ħass il-ġuħ resaq mal-ġenb tat-triq u ħataf ftit.



Referenzi:

1. Anonimu. Ix-Xagħra matul iż-żminijiet. Il-parroċċa u l-kunsill lokali tax-Xagħra. 1998: 44.

Ir-raġel irrabja. Ħa l-frosta u faqqa' waħda ġmielha fuq dahar il-ħmar. Il-ħmar kellu jibqa' sejjer. Imma l-ġuħ beda jagħfas. Meta reġa' ra l-ħafur, waqaf biex jiekol. Ir-raġel, bir-ragħwa f'ħalqu, qal lill-mara: "Jekk jerġa' jieqaf, hawn inħallih!" Reġgħu bdew sejrin iżda l ħmar reġa' waqaf. Ir raġel niżel minn fuq il-karettun. Ordna lil martu biex tinżel minn fuq il-karettun. Din ipprotestat imma kollu kien għalxejn. Ir-raġel beda jinsisti: "Għedtlek aqbad il-karettun!" U kellha ċċedi. Ma kellhiex għażla oħra. Qabdet il-karettun mil-lasti u bdiet tiġbed il-karettun. Marru x-Xewkija, ra ftit il-festa u xħin sar il-ħin reġgħu lura, hi fuq quddiem tiġbed il-karettun u hu xxamplat fuq il-karettun jiekol il-qubbajt. Meta waslu, il-mara ma qalet xejn. Kull meta kien jgħid xi ħaġa kienet tobdih. Tbaxxi rasha u bla kliem kienet tagħmel dak li kien jgħidilha.

## 2. L-għalqa tad-dwieli ta' Dragut[2]

Bejn il-bajjiet tar-Ramla u ta' Marsalforn hemm daħla żgħira. Din id-daħla hija magħrufa bħala Għajn Barrani. L-isem tad-daħla ttieħed min-nixxiegħa li tinsab fil-qrib. F'dan il-post tinsab biċċa blata kbira li nqatgħet mill-irdum tal-Fiddien tal-Pergla. Din il-blata għan-nies tal-lokal hi magħrufa bħala l-Ġebla ta' Dragut. Din il-blata hija popolari man-nies li joqogħdu jistkennu sew mill-qilla tax-xemx u sew mill-qilla tax-xita. Din il-blata għandha rakkont xi tgħid.

Darba waħda, għall-ħabta ta' Awwissu, Dragut, wieħed mill-kursara qliel tal-Afrika ta' Fuq, kien qed ibaħħar fuq il-ġifen tiegħu matul din ix-xtajta. Waqt li kien għaddej minn fuq il-ġifen lemaħ għalqa mimlija dwieli. Malli Dragut ra l-għeneb misjur jitbewwes mar-raġġi tax-xemx, żaqqu waqqgħetlu u beda jħoss in-nixfa f'ħalqu.



Dragut beda jitkellem dwar l-għeneb li kien hemm f'dik l-għalqa. Semgħu wieħed mill-ilsiera u mar fuq Dragut u offra li jinżel l-art, jixxabbat mal-irdum u jġiblu xi erba' għenieqed għeneb biex itaffilu l-għatx li qabdu. Dragut aċċetta u tbissem lill-ilsir. Dan niżel fil-baħar u bil-mod il-mod beda tiela' mal-irdum. F'ħakka t'għajn l-ilsir sab ruħu fl-għalqa tad-dwieli. Hu beda jdur għall-għeneb l-iktar misjur u kbir li kien hemm. F'daqqa waħda feġġ il-bidwi, sid l-għalqa tad-dwieli.

Malli ra l-ilsir mar iġib il-ħatar u beda jiġri wara l-ilsir. L-ilsir ħataf għanqud għeneb u ħarab b'kemm kellu saħħa lejn ix-xtajta. Niżel fil-baħar bl-għeneb f'idu. Tela' fuq il-ġifen u mar isib lil Dragut. Dragut ħa pjaċir bl-għeneb. Iżda mal-għanqud kien hemm fergħa tal-pjanta. Il-Koran jgħid li d-dielja hi siġra sagra u min jaqta' d-dielja jew jagħmlilha xi ħsara jrid ipatti għaliha. Xħin Dragut sar jaf x'ġara, il-pjaċir telaqlu u beda jirrabja. Dragut ma kellux triq oħra x'jagħmel. Kellu joqgħod għal dak li kien jgħid il-Koran. Il-ġifen waqaf viċin il-blata. Niżel Dragut minn fuq il-ġifen. Niżel l-ilsir u magħhom niżlu xi ebda pirati. Qabdu l-ilsir, rabtuh fuq il-blata kbira u ħarquh ħaj, bħala kastig talli ma mexiex mal-Koran.

---

Referenzi:

2. Anonimu, *Ix-Xagħra...* op. cit.: 45.



FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

# Sena oħra mal-Papa Franġisku

Fit-13 ta' Marzu l-Papa Franġisku jkun ilu 8 snin papa. Minkejja dak kollu li għaddejjin minnu, huwa kompla jwettaq ir-riforma tal-Knisja, l-aktar bil-persuni b'responsabbiltajiet fit-tmexxija, u dejjem iħeġġeġ fuq kollox għal ħajja ħafna aktar imsawra bil-għaqda ma' Kristu.

Huwa kompla jimpenja l-forzi kollha tiegħu u jmexxi l-Knisja lejn il-veru tiġdid. Dan huwa l-messaġġ fundamentali li kien wassal bl-ittra appostolika *Il-Ferħ tal-Evanġelju.* Huwa kien indika bħala l-ewwel mezz il-ħtieġa li "nġeddu mil-lum stess il-laqgħa personali ma' Ġesù Kristu, jew tal-inqas, biex nieħdu d-deċiżjoni li nħallu lilna nfusna niltaqgħu miegħu u nfittxuh bla heda kuljum. M'hemm l-ebda raġuni għaliex wieħed għandu jaħseb li din l-istedina mhix għalih..." (par. 2). U bosta drabi tul is-snin kompla jisħaq dwar dan f'ħafna laqgħat li kien ikollu ma' kull min għandu għal qalbu l-veru ġid tal-Knisja u tal-bnedmin.

Il-Papa kompla bil-mod il-mod fir-riformi mixtieqa, anke mill-kardinali fil-konklavi li għażlu papa, fosthom dik tal-għażla ta' nisa kapaċi; sa għamel pass ieħor 'il quddiem fil-għoti ta' diversi ministeri lin-nisa, b'mod speċjali waqt il-liturġija.

### "Patt Edukattiv"

Wara li f'Mejju ta' sitt snin ilu l-Papa Franġisku tana l-enċiklika *Laudato si'* u fit-3 t'Ottubru li għadda l-enċiklika *Tutti Fratelli,* it-tnejn ispirati minn Missierna San Franġisk, uriena kif l-ambjent huwa l-wirt tal-bnedmin kollha għax aħna lkoll aħwa. Sabiex dan kollu ma jibqax biss kelma miktuba fuq il-karta imma jsir pjan ta' azzjoni li tassew jasal għand kulħadd u kulħadd igawdi minnu, f'għeluq il-ħames snin tal-enċiklika fuq l-ambjent il-Papa Franġisku nieda l-proġett dinji: "Il-Patt Edukattiv". Dan għamlu nhar it-12 ta' Settembru 2019. Għalhekk huwa stieden rappreżentanti tar-reliġjonijiet ewlenin, dawk ta' għaqdiet internazzjonali u ta' istituzzjonijiet umanitarji. Ma' dawn huwa ried personalitajiet magħrufa mid-dinja tal-politika, tal-ekonomija, nies akkademiċi u wkoll atleti, xjenzati u soċjologi biex ifasslu u jniedu "Patt Globali ta' Edukazzjoni" sabiex jagħtu lill-ġenerazzjonijiet li telgħin għodda komuni. Il-Papa jistqarr: "Statistiċi reċenti wasslu lil xi wħud jistqarru, forsi xi ftit bil-għaġla, dwar 'katastrofi edukattiva' minħabba l-fatt li madwar 10 miljun tifel u tifla kienu mġegħlin iħallu l-iskola b'riżultat tal-kriżi ekonomika kkawżata mill-Coronavirus. Aktar allarmanti hu l-fatt li



hemm aktar minn 250 miljun tifel u tifla tal-età skolastika mħollijin barra mill-ħidmiet skolastiċi kollha."

Min huwa midħla ta' dan il-qasam jaf kemm dan huwa minnu!

Bosta u bosta studjużi, professjonisti, esperti, bosta minnhom żgħażagħ, meddew idejhom f'laqgħat bil-mezzi tat-teknoloġija tal-lum biex jaraw kif dan ikun veru programm li jasal għand kulħadd, u ħadd ma jitħalla barra, la mill-pajjiżi hekk imsejħa żviluppati u wisq anqas minn dawk li huma fqar jew m'għandhomx mezzi. Fl-ebda rokna ġeografika ħadd m'għandu jitħalla barra, għax bħala tassew "aħwa", kull wieħed/waħda għandu sehmu ndaqs bħall-bqija ta' "ħutu" l-oħrajn. Il-laqgħat kellhom isiru l-Vatikan f'Mejju tas-sena l-oħra, organizzati mill-Kongregazzjoni Vatikana tal-Edukazzjoni, imma minħabba l-qagħda tal-COVID-19 ġew posposti għal Ottubru li għadda u saru fl-Università Pontifiċja tal-Lateran. Fil-15 t'Ottubru l-Papa Franġisku għamel messaġġ bil-video li fih wera l-programm bażiku għal dan il-proġett dinji.

Fih fost l-oħrajn wassal tmien punti bażiċi li fuqhom jista' jinbena dan id-dokument. Dawn jiġbru fihom proposti li jgħinu lill-bnedmin kollha japprezzaw lilhom infushom u jiskopru l-kapaċitajiet tagħhom. It-tieni, li jisimgħu "l-ilħna tat-tfal u ż-żgħażagħ biex jibnu flimkien futur ta' ġustizzja u paċi u ħajja dinjituża għal kull persuna".

Jinkuraġġixxu s-sehem sħiħ tat-tfajliet u n-nisa żgħażagħ fil-qasam tal-edukazzjoni u jagħrfu li l-edukazzjoni għandu jkollha l-ewwel post u l-aktar wieħed essenzjali fil-familja. Punt ieħor huwa "li nedukaw u niġu edukati dwar il-ħtieġa li nilqgħu b'qalb aktar miftuħa lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli u mwarrbin". Imbagħad il-Papa jitlob "li nimpenjaw irwieħna biex insibu toroq ġodda biex nifhmu l-ekonomija, il-politika u l-progress, li jservu l-bniedem u l-familja kollha umana, f'kuntest ta' ħarsien tal-ambjent integrali". Jeħtieġ li nħarsu u nieħdu ħsieb id-dar komuni tagħna, inħarsuha minn kull sfruttar tar-riżorsi li għandha, ngħixu ħajja aktar sobrja, nużaw l-enerġija li tirrispetta l-ambjent naturali u uman, u dan bi qbil mal-prinċipji tas-sussidjarjetà, is-solidarjetà u l-ekonomija li minnha jgawdi kulħadd. Fl-aħħar nett jeħtieġ li lkoll nimpenjaw irwieħna bil-kuraġġ kollu ġewwa pajjiżna, li niżviluppaw pjan edukattiv "mibni fuq it-tagħlim soċjali li huwa ispirat mill-Kelma t'Alla u mill-umaniżmu Nisrani". B'hekk insibu l-bażi soda biex nagħrfu t-toroq fl-emerġenza li ninsabu fiha.

## "L-Ekonomija ta' Franġisku"

Minbarra dan, niftakru fil-messaġġ l-ieħor li l-Papa bagħat fil-laqgħa li saret Assisi f'nofs Novembru dwar "l-Ekonomija ta' Franġisku". Din hija laqgħa mondjali li fiha ħadu sehem eluf ta' studjużi, imprendituri, xjenzjati żgħażagħ li qed jippruvaw ibiddlu x-xejriet ekonomiċi kurrenti għal mudelli iktar fraterni li minnhom igawdi kulħadd. Il-grupp organizzattiv ċentrali ltaqa' għal tlitt ijiem f'Assisi fil-Bażilika ta' San Franġisk u l-membri kienu magħqudin virtwalment mal-eluf sħabhom fid-dinja kollha. Id-diskors li għamel il-Papa huwa dawl ċar għal kull bniedem ta' rieda tajba. Ma nistgħux immorru lura għal li konna u nkomplu nagħmlu l-affarijiet u mmexxu anke l-ekonomiji tagħna bħal qabel. Ma nistgħux infasslu ż-żmien wara l-COVID-19 fuq il-mudelli li kellna sa issa.

Iżda d-dokumenti weħidhom ma jwettqux riformi. Ir-riformi jwettquhom in-nies, min ikun responsabbli u dawk ta' madwarhom. Għalhekk il-Papa minn żmien għal żmien jisħaq b'qawwa kbira, imma kif inhi fil-karattru tal-Papa Bergoglio, bil-ħlewwa kollha, imma dejjem soda, fuq il-formazzjoni ta' nies ġodda, kif għedna qabel.

Biżżejjed wieħed ikun midħla tad-diskorsi sbieħ imma li jagħtu direzzjoni lejn dan il-għan. Dak li l-Papa fassal u indika f'*Il-Ferħ tal-Evanġelju*, speċjalment dwar il-ħajja ġdida u mġedda ta' "kull" Nisrani, huwa l-ewwel u l-aqwa indikazzjoni ċara, ċarissima.

In-Nisrani, hu ta' liema grad hu, minħabba l-vokazzjoni tiegħu, ma jistax ma jkunx moħħu u qalbu ċċentrata u mibnija, imsawra, fuq l-Evanġelju u fuq Kristu... Fuq dan li l-Papa Franġisku ħadem din is-sena żgur li jkompli tul iż-żmien li jkun qed imexxi l-Knisja.





FR PAUL BUGEJA OFMCap

# Froġa tat-tarja bla bajd

**Frittata di scammaro**

Din hi riċetta sempliċi u fqira ġejja minn Napli.

Fi żmien ir-Randan il-monaċi li kellhom il-permess jieklu l-laħam minħabba raġuni ta' saħħa kienu jieklu fil-kamra tagħhom biex ma jfixklux mis-sawm lill-monaċi sħabhom l-oħra. Għalhekk il-kelma "cammerare" kienet sinonima ma' li tiekol tajjeb filwaqt li għall-kuntrarju "scammerare" ġiet tfisser li tiekol ftit. Dan l-ikel hu fost tant ikel ieħor li n-Naplitani jsajru fi żmien ir-Randan biex iżommu s-sawma.

## Ingredjenti:

300 gr tarja
100 gr żebbuġ iswed
40 gr kappar
30 gr prinjol
30 gr żbib
sinna tewm
melħ u bżar
tursin frisk
żejt



## It-tisjir:

1. Qalli t-tewma f'taġen.
2. Wara żid il-kappar, iż-żbib u l-prinjol u sajjar għal xi 3 minuti.
3. Sajjar it-tarja ġo borma bl-ilma u ftit melħ.
4. Neħħi t-tewma mit-taġen.
5. Żid fit-taġen ftit meraq mill-ilma tat-togħlija tat-tarja.
6. Itfa' t-tarja msajra u t-taħlita tal-kappar u ħawwad.
7. Żid iż-żebbuġ u ħawwad mill-ġdid, żid ukoll ftit żejt u qalli l-froġa tat-tarja sa ma tiħmar minn taħt.
8. Wara dawwarha biex tiħmar min-naħa l-oħra.
9. Serviha sħuna.



# Tisliba Nru 190

FR WISTIN ATTARD OFMCap



1. Kont inqassmu lill-imġewħin. (Tob. 1, 17) (5)
2. Min-nisel ta' Bikri. (2 Sam. 20, 14) (6)
3. ... għalihom! Qabdu triq Kajjin. (Ġuda 11) (5)
4. Tal-qassisin din. (2 Kron. 4, 9) (5)
5. Ġotam, ... u Ħeżekija, slaten. (Hos. 1, 1) (4)
6. Is-sultan qam biha. (Est. 7, 7) (5)
7. Kien il-qassis il-kbir. (1 Mak. 12, 7) (5)
8. Kienu (u għadhom) kbar. (Prov. 8, 24) (5)
9. Hekk għamel Alla lill-poplu. (Eż. 4, 31) (3)
10. Xi jrid iħott dak ir-raġel. (Lq. 12, 18) (7)
11. u 12. Riħa ta' mirra u iżjed. (Għan. 3, 6) (6)
13. X'tagħmlu lil idejkom. (Ġak. 4, 8) (6)
14. Meta jkun fil-fażi ġdida. (Kol. 2, 16) (5)
15. Dan tal-Għid tagħna. (1 Kor. 5, 7) (5)
16. X'għamel Bogħaż lill-ħaddiema. (Rt 2, 15)
17. Ir-raġel hekk u mfissed. (Dt. 28, 54) (5)
18. Dawn ta' Ġuda bilqiegħda. (Eżek. 8, 1) (7)
19. Jaqbeż bħal għażżiela. (Is. 35, 6) (4)
20. Mur inġabar id-... ma' niesek. (Mk 5, 19) (3)
21. Ta' min hu l-Forum. (Atti 28, 15) (5)
22. Lilu nqim b'kuxjenza hekk. (2 Tim. 1, 3) (5)

## Soluzzjoni għal Tisliba #189

1. Bikri; 2. Tilwim; 3. Ġusti; 4. David; 5. Xewk; 6. Barka; 7. Iġibu; 8. Asera; 9. Raw; 10. Tbikkik; 11. u 12. Kmamar; 13. Armati; 14. Timxu; 15. Abjad; 16. Ġakbu; 17. Artal; 18. Imħabba; 19. Ħobż; 20. Mar; 21. Xibka; 22. Bitħa.

Agendabookshop

# Nru 49
# Oġġetti mill-Bibbja (9)

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | I | L | A | S | Ħ | W | X | G | Ċ | M | I | Ħ |
| A | Ċ | T | F | B | F | R | Ħ | A | Ħ | U | W | U |
| T | R | O | F | H | U | A | A | Q | D | A | M | A |
| T | I | R | E | E | M | K | F | T | W | N | B | S |
| E | M | Ċ | K | A | U | A | D | A | A | X | A | U |
| B | K | A | J | X | I | X | R | Ħ | R | N | O | L |
| M | A | J | N | A | P | M | A | K | W | U | M | R |
| U | A | U | B | T | E | K | E | I | R | Ċ | A | I |
| R | Q | X | U | E | F | O | L | J | M | A | Ħ | R |
| T | L | B | M | I | D | R | A | Ċ | J | B | L | A |
| S | A | N | D | L | I | O | Ġ | R | K | E | A | Q |
| W | F | Ċ | W | Ħ | U | X | L | I | E | F | H | U |
| N | E | Ż | Ħ | A | M | G | Ż | X | Ċ | S | L | B |

BHEJJEM
BUQARI
ĊRIEKET
GĦAMAJJAR
ĦUXLIEF
KAMPANJA
KEFFA
LANDA
MAĦŻEN
MIDRA
SANDLI
SFAFAR
TORĊA
TRUMBETTA
TUB
ĦWAWAR
RIX
XOROK
IMNATAR
SALIB

## Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' Frar 2021

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**. Ir-rebbieħa jittellgħu bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tat-Tisliba Nru 189 hija: M'GRACE FALZON li joqgħod 30B "Santa Marija", Triq Santa Katarina Gudja, GDJ 1113. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni AĦSEB U WIEĠEB hija: ROSANNA CASSAR li toqgħod 17, Triq Il-Qalb Imqaddsa, Zabbar, ZBR 1421. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

### 1. Borża ta' studju

sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

### 2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati

Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€10.

### 3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti

tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv.

### 4. BAZAAR b'risq il-missjoni

Minħabba l-kriżi tal-Coronavirus bħalissa l-bazaar b'risq il-missjoni fil-Furjana huwa magħluq. Għalhekk la qed isir bejgħ u lanqas qed naċċettaw għotjiet għall-bazaar.

### 5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta

sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, l-Imsida u San Ġiljan.

### 6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal

B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

### 7. Intenzjonijiet għall-quddies

Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

### 8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,

wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
HSBC Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
HSBC Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052